# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April, 2025.**

**Numru 2**

**Rikors numru 129/24/1 HM**

**Carmen Grixti**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat; Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali; u Ivan Grixti għal kull interess li jista' jkollu**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni mressaq minn Carmen Grixti u appell ieħor inċidentali mressaq minn Ivan Grixti sabiex tiġi mibdula sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Settembru, 2024, li biha sabet li Carmen Grixti ġarrbet ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq tagħha minħabba l-fatt li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma mmotivatx tmien digrieti li hija tat fil-proċeduri ta' firda personali fl-ismijiet ***Carmen Grixti***

***v. Dr. Ivan Grixti (Rik 125/2018 AL)*** u bħala rimedju ordnat li dawn id-digrieti għandhom jiġu mħassra u li wieħed minnhom għandu jiġi deċiż mill-ġdid minn Imħallef differenti minn dik li kienet iddeċidietu l-ewwel darba; iżda ċaħdet il-bqija tal-ilmenti ta' Carmen Grixti dwar ksur ta' smigħ xieraq sa fejn jolqot tmien digriet oħra li ngħataw mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u l-ilmenti l-oħra tagħha dwar ksur tal-jeddijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tgawdija ta' ħwejjiġha, mal-ħarsien tal-protezzjoni għall-intimità ta' darha u mar-rispett tal-ħajja privata tagħha.

**Daħla**

2. B'rikors kostituzzjonali tat-12 ta' Marzu, 2024, l-attriċi Carmen Grixti fissret li hija għaddejja minn kawża ġudizzjarja ta' firda personali minn ma' żewġha quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet ***Carmen Grixti v. Dr. Ivan Grixti (Rik 125/2018 AL***. Tisħaq li kemm matul il-proċess ta' medjazzjoni u kif ukoll waqt il-kawża, hija ressqet għadd ta' rikorsi li kollha ġew miċħuda mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mingħajr motivazzjoni xierqa. Għalkemm tgħid li hija talbet lil dik il-Qorti sabiex tħalliha tappella minn dawn id-digrieti skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, b'danakollu din l-awtorizzazzjoni qatt ma ngħatatilha.

3. Tistqarr li għad li huwa veru li bil-liġi hija tista' tappella minn dawn

id-digrieti flimkien ma' appell mis-sentenza finali, madankollu dan ir-rimedju mhuwiex biżżejjed biex tevita d-danni li tgħid li qed iġġarrab. Issemmi li żewġha Ivan Grixti waqaf iħallas il-pagamenti kull xahar lill-bank mhux għaliex m'għandux minn fejn iħallas iżda sabiex jimpika magħha. Minħabba f'hekk, hija tgħid li l-bank rebaħ il-kawża ***Bank of Valletta plc v. Dr Ivan Grixti et*** Rik. Nru 59/2020) u nieda l-proċess biex id-dar matrimonjali fejn toqgħod hi flimkien ma' wliedha, tinbiegħ b'irkant ġudizzjarju u dan meta żewġha telaq mid-dar u mar jgħix ma' mara oħra.

4. Tkompli tfisser li hija talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tordna lil żewġha Ivan Grixti jħallas id-dejn lill-bank biex b'hekk tiġi evitata l-ħsara tat-telf tad-dar, iżda tgħid li dik il-Qorti qabdet u ċaħditilha dak ir-rikors u kull rikors ieħor li għamlet fuq din il-kwistjoni, mingħajr motivazzjoni xierqa, ħlief li qalet li hija kienet qed toqgħod fuq uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta. Iżżid li kien kollu ta' xejn li hija ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għall-fatt li l-Qorti tal-Appell kienet tat sentenza parzjali fejn ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u qalet li Ivan Grixti għandu jkompli jħallas id-dejn mal-bank.

5. L-attriċi ssostni li minħabba l-mod ta' kif il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat dawn id-digrieti, hi u wliedha sejrin jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Minbarra dan, hija targumenta wkoll li dan l-għemil tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li taqbad u tiddeċiedi digrieti mingħajr

motivazzjoni, mhux biss itellef il-fiduċja fil-qorti għax joħloq dubju jekk din tkunx għarblet sew il-kwistjoni, iżda jqajjem ukoll dubji serji dwar l-imparzjalità ta' dik l-istess qorti.

6. Għalhekk fuq il-premessa li dawn id-digrieti ma kinux motivati, hija ressqet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. tiddikjara illi b'konsegwenza ta' kif tmexxew il-proċeduri mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża fl-ismijiet "**Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti**" (**rik. ġur. nru 125/2018**) hija ġarrbet, qiegħda ġġarrab u għad tkompli ġġarrab:*
>
> > *i. ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-**art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**;*
> >
> > *ii. ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-**art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**;*
> >
> > *iii. ksur tal-jedd għall-protezzjoni għall-intimità tad-dar imħares taħt l-**art. 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**;*
> >
> > *iv. ksur tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u ta' darha mħares taħt l-**art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**;*
>
> *2. tħassar u tannulla d-digrieti kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) elenkati fid-dok. A hawn mehmuż;*
>
> *3. tordna lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tisma' u tqis mill-ġdid ir-rikorsi tar-rikorrenti elenkati fid-dok. A hawn mehmuż, b'dan illi l-istess Qorti tkun diversament preseduta;*
>
> *4. tillikwida d-danni pekunjarji u morali li hija ġarrbet, għadha ġġarrab u x'aktarx sejra ġġarrab;*
>
> *5. tagħti kull rimedju ieħor li jidhrilha meħtieġ, xieraq jew opportun u tagħti wkoll b'effett immedjat rimedji interim biex jiġi evitat illi r-rikorrenti tkompli ġġarrab aktar danni u ħsara.»*

7. L-Avukat tal-Istat ressaq tweġiba fl-4 ta' April, 2024 u qal li t-talbiet

tal-attriċi għandhom jiġu mitħuda kollha kemm huma għaliex: (i) il-Prim'Awla Qorti għandha toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha għaliex l-attriċi setgħet tagħmel użu minn rimedji oħra biex jindirizzaw l-ilmenti tagħha; (ii) l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** ma japplikawx għal digrieti mogħtija waqt il-kawża għaliex ma jiddeterminawx drittijiet jew obbligi ċivili b'mod finali; (iii) li f'kull każ l-attriċi ma ġarrbet l-ebda ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għaliex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dejjem imxiet fil-parametri tal-liġi; (iv) li d-digrieti li tat dik il-Qorti kienu motivati; (v) li l-attriċi lanqas ma ġarrbet ksur tal-jedd tal-proprjetà tagħha għaliex jekk id-dar matrimonjali tinbiegħ bis-subbasta, wara li jinqatgħu d-djun, hija tkun qiegħda tieħu l-valur residwali tal-istess dar matrimonjali fi flus; (v) li jekk il-Bank iseħħlu jbiegħ id-dar matrimonjali b'irkant ġudizzjarju, allura dan isir permezz ta' sentenza ta' qorti, jew permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn li huma meħlusa mit-tħaddim tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** skont is-**subinċiż (2)(h)** tiegħu; (vi) li l-attriċi lanqas ma tista' tinvoka l-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni** minħabba dak li jgħidu s-**subinċiż 2(b)** u **(d)** tiegħu; u (vii) li l-attriċi wkoll ma tistax tilmenta minn ksur tal-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, għaliex qorti hija awtorità pubblika u kull pronunzjament ġudizzjarju huwa operat tal-liġi meħtieġ f'soċjetà demokratika.

8. Min-naħa tiegħu l-konvenut Ivan Grixti wieġeb fil-15 ta' April, 2024

u anke hu, wara li ta l-verżjoni tiegħu ta' kif skontu qegħdin jimxu l-proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), saħaq li t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda. Fil-qosor id-difiża tiegħu tista' tinġabar hekk: (i) li hu ma jistax iwieġeb għall-ilmenti kostituzzjonali mqajma mill-attriċi; (ii) li l-attriċi qiegħda tabbuża mill-proċedura kostituzzjonali għaliex ma ġabithiex żewġ quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja); (iii) li huwa waqaf iħallas il-pagamenti lill-bank għaliex l-attriċi kisbet kontrih mandat ta' sekwestru; (iv) li kien tort tal-attriċi li l-bank kiseb titlu eżekuttiv kontrihom u jinsab fil-proċess li jitlob il-bejgħ b'irkant ġudizzjarju mhux biss tad-dar matrimonjali iżda anke tal-appartament fejn huwa qiegħed jgħix; (v) li l-attriċi ma waqfitx titlob provvedimenti lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u sadattant hija kaxkret saqajha fil-ġbir tal-provi; (vi) li bil-liġi d-digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma jistgħux jiġu appellati ħlief flimkien ma' appell mis-sentenza finali; (vii) li d-digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) huma motivati għaliex jirreferu għal dak li ngħad fit-tweġiba tiegħu; u (viii) li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma vvjolat l-ebda wieħed mill-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali msemmija mill-attriċi.

9. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali wieġeb fis-7 ta' Mejju, 2024 u saħaq li huwa ġie mħarrek bla bżonn f'din il-kawża peress li huwa ma jweġibx għall-operat tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

10. B'digriet mogħti fis-6 ta' Mejju, 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet il-ħames talba tal-attriċi sabiex jingħata rimedju proviżorju sakemm iddum miexja l-kawża kostituzzjonali.

11. Aktar tard b'sentenza mogħtija fit-3 ta' Settembru, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet il-kawża hekk:

*«(i) tiċħad l-eċċezzjoni tas-sur Grixti għall-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, u tilqa' l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, b'dan illi teħles lir-Reġistratur mit-talbiet;*

*(ii) tiddikjara li, b'konsegwenza tal-fatt li Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 ma fihomx raġunijiet, jew ma fihomx raġunijiet biżżejjed, seħħ ksur tal-art. 6;*

*(iii) tiddikjara Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 nulli u mingħajr effett;*

*(iv) tordna lill-QF, preseduta minn ġudikant differenti, tisma' u tqis mill-ġdid ir-rikors li wassal għal Digriet 1, u tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha; u*

*(v) tiċħad it-talbiet l-oħra.*

*L-ispejjeż tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tħallashom is-sinjura Grixti. L-ispejjeż tas-sinjura Grixti u tas-sur Grixti jħallashom l-Avukat tal-Istat.»*

12. Ir-raġunijiet li tat l-Ewwel Qorti ġew imfissra b'dan il-mod:

*«**Il-fatti rilevanti***

*11. Bejn il-konjuġi Grixti hemm kawża pendenti għal separazzjoni personali. Din infetħet fl-2018 u ġġib in-numru 125/2018AL.*

*12. Qabel il-kawża kien hemm attentat ta' medjazzjoni, li ma rnexxiex. Waqt li kien għaddej dan l-attentat, li jġib in-numru 1284/17, jidher li s-sinjura Grixti kienet ressqet talba għal manteniment pendente lite; u li l-QF kienet tat ordni f'dan ir-rigward fil-11 ta' Ottubru 2017. Permezz ta' rikors imressaq fl-4 ta' Diċembru 2017, is-sinjura Grixti ressqet talba biex tiġi varjata l-ordni tal-11 ta' Ottubru 2017, talba li ntlaqgħet parzjalment b'digriet tas-26 ta' Jannar 2018, wara li l-QF kienet rat ir-risposta tas-sur Grixti. Id-digriet tal-11 ta' Ottubru 2017 kif mibdul b'dak tas-26 ta' Jannar*

*2018 ser jissejjaħ id-"Digriet Manteniment".*

*13. Ftit qabel infetħet il-kawża, is-sinjura Grixti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra żewġha, għall-ammont ta' €700,000. Ftit wara, preċiżament fil-21 ta' Ġunju 2018, is-sur Grixti talab ir-revoka tal-mandat u l-impożizzjoni ta' penali.*

*14. Jidher li QF qieset ħafna provi qabel ma tat digriet fuq it-talba tas-sur Grixti. Fil-fatt, id-digriet finali hu wieħed dettaljat ħafna u meqjus. Wara li qieset, fost affarijiet oħra, il-provi dwar id-dħul rispettiv tal-konjuġi Grixti, l-assi u l-passiv tal-komunjoni u kif il-konjuġi kienu mxew tul l-andament tal-kawża, il-QF iddeċidiet li l-mandat kellu jinżamm fis-seħħ, iżda għal ammont ridott (€397,744.53); u li l-ebda penali ma kellha tiġi imposta. Id-deċiżjoni ngħatat fl-10 ta' Marzu 2021.*

*15. Sadanittant, is-sinjura Grixti kienet ressqet numru ta' talbiet. Dan li jsegwi hu sommarju tar-rikorsi u tal-eżitu tagħhom, sa Marzu 2021:*

*a. Rikors tal-20 ta' April 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet li jiġi varjat id-Digriet Manteniment billi, fost affarijiet oħra, jogħla l-manteniment tas-sinjura u s-sur Grixti jiġi ordnat 'ikompli jħallas id-djun li daħal għalihom'. Il-QF, wara li rat ir-rikors u r-risposta, ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet fl-imsemmija risposta'. ("Digriet 1")*

*b. Rikors tal-11 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet lill-QF tordna lis-sur Grixti jkompli jħallas id-dejn mal-bank, u li jagħmel tajjeb għall-arretrati. Fit-30 ta' Ġunju 2018, il-QF, wara li rat ir-rikors u r-risposta, ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 2")*

*c. Rikors tas-6 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet permess, skont l-art. 229(3) tal-Kap. 12, biex tappella mid-Digriet 2 qabel is-sentenza finali. Fil-31 ta' Awwissu 2018, wara li qieset ir-rikors u r-risposta, il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 3")*

*d. Rikors tal-10 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet, in effett, żieda fil-manteniment u l-ħlas ta' manteniment allegatament maqbuż. Fis-17 ta' Jannar 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta, il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 4")*

*e. Rikors tal-11 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti reġgħet talbet lill-QF tordna lis-sur Grixti jħallas lill-bank. Fis-7 ta' Ottubru 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta, il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 5")*

*f. Rikors tal-15 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet permess biex tappella mid-Digriet 5 qabel is-sentenza finali. Fil-5 ta' Novembru 2019, wara li qieset ir-rikors u r-risposta, il-QF ċaħdet ir-rikors 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 6")*

*g. Rikors tat-12 ta' Diċembru 2019 dwar il-manteniment. Fis-6 ta' Jannar*

*2020, wara li qieset ir-rikors u r-risposta, il-QF ċaħdet numru ta' talbiet tas-sinjura Grixti, iżda rriżervat li tagħti provvediment dwar it-tieni talba fis-sentenza finali. It-talbiet miċħuda kienu 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 7")*

*h. Rikors tas-27 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu intalab permess biex isir appell mid-Digriet 7. Fl-4 ta' Frar 2020, wara li rat ukoll ir-risposta, il-QF ċaħdet it-talba 'għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 8")*

*i. Rikors tal-1 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu l-QF ntalbet tordna lis-sur Grixti jagħti informazzjoni dwar kontijiet li suppost kellu ma' bank esteru. Dan ir-rikors ġie miċħud fil-15 ta' Ġunju 2020, għal uħud mir-raġunijiet fir-risposta. ("Digriet 9")*

*j. Rikors tat-9 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu l-QF reġgħet intalbet tordna lis-sur Grixti jiġi ordnat li jagħti informazzjoni dwar kontijiet li suppost kellu mal-bank esteru. Dan ir-rikors ukoll ġie miċħud, għal uħud mir-raġunijiet li ssemmew fir-risposta li tressqet fis-16 ta' Ottubru 2020 ("Digriet 10")*

*k. Rikors tal-25 ta' Frar 2021. Għal darb'oħra s-sinjura Grixti talbet ordni biex is-sur Grixti jħallas id-dejn mal-bank. Fl-4 ta' Marzu 2021, wara li rat ukoll ir-risposta tas-sur Grixti, il-QF reġgħet ċaħdet it-talba, dejjem għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta. ("Digriet 11")*

*16. Kif rajna, il-QF għaddiet, ftit jiem wara (preċiżament fl-10 ta' Marzu 2021) biex tagħti digriet dwar it-talba tas-sur Grixti għal kontromandat.*

*17. Ir-rikorsi tas-sinjura Grixti li segwew id-digriet dwar it-talba għal kontromandat kienu dawn:*

*a. Rikors tas-26 ta' April 2021, li fih talbet li tingħata permess, skont l-art. 229(3) tal-Kap. 12, biex tappella mid-id-Digriet 11. Is-sur Grixti rrisponda fis-6 ta' Mejju 2021. Il-QF tat id-deċiżjoni tagħha fit-12 ta' Mejju 2021. It-talba ġiet miċħuda għaliex id-digriet 'mhuwiex appellabbli f'dan l-istadju iżda mas-sentenza finali u kif ukoll għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. ("Digriet 12")*

*b. Rikors tat-28 ta' April 2021 li fih ntalbu ordnijiet konsegwenzjali għal ordni li kienet ngħatat fit-22 ta' April 2021. Is-sur Grixti rrisponda fis-17 ta' Mejju 2021. Il-QF iddeċidiet fid-19 ta' Mejju billi ċaħdet it-talbiet kemm għal 'uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta u kif ukoll fid-dawl tal-verbal tal-QF tas-seduta tat-22 ta' April 2021'. ("Digriet 13")*

*c. Rikors tal-31 ta' Ottubru 2022, b'talba għal permess biex isir appell qabel is-sentenza finali minn digriet tal-25 ta' Ottubru 2022. Ma jidhirx li hemm kopja ta' dan id-digriet fil-proċess. Milli jidher mir-rikors id-digriet kien jittratta talba li s-sur Grixti kellu jħallas id-dejn tal-bank. Il-QF ċaħditu fid-22 ta' Novembru 2022 wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti. Iċ-ċaħda kienet, għal darb'oħra, għal uħud mir-raġunijiet fir-risposta. ("Digriet 14")*

*d. Rikors tat-28 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti talbet li tressaq xhieda minn GO plc. Wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti mressqa fit-2 ta' Mejju 2023, il-QF ċaħdet it-talba, din id-darba għar-raġunijiet*

*imsemmija fir-risposta. ("Digriet 15")*

*e. Rikors tal-20 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu s-sinjura Grixti reġgħet talbet li s-sur Grixti jiġi ordnat jħallas id-dejn mal-bank. Wara li rat ir-risposta tas-sur Grixti mressqa fl-4 ta' Marzu 2024, il-QF ċaħdet it-talba b'dan il-mod:*

> *«Tirrileva fl-ewwel lok illi r-rikorrenti għamlet din it-talba diversi drabi oħra liema talba dejjem ġiet miċħuda mill-Qorti. Tirrileva wkoll illi r-rikorrenti għandha tirreferi għall-proposta li kienet saret snin ilu mill-intimat għall-separazzjoni bonarja, liema proposta qatt ma ġiet aċċettata mill-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti ma tista' taċċetta proposta waħda biss mid-diversi proposti li kienu saru mill-intimat.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta, il-Qorti tiċħad it-talba.»*
>
> *("Digriet 16")*

*18. Is-sinjura Grixti għalhekk ressqet:*

*a. Tmien rikorsi li jolqtu l-manteniment u l-kwistjoni tal-ħlas tad-dejn mal-bank: Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16*

*b. Ħames rikorsi biex titħalla tappella minn varji digrieti: Digriet 3, Digriet 6, Digriet 8, Digriet 12 u Digriet 14; u*

*c. Tliet rikorsi dwar provi: Digriet 9, Digriet 10 u Digriet 15.*

*19. Il-QF ċaħdet it-talbiet 'għal uħud mir-raġunijiet' fir-risposti relattivi fi ħdax-il rikors. Fl-oħrajn kien hemm varjazzjonijiet fid-digrieti relattivi, kif imfisser Digriet 7, Digriet 12, Digriet 13, Digriet 15 u Digriet 16.*

***L-eċċezzjonijiet preliminari tas-Sur Grixti u r-Reġistratur***

*20. Kemm is-Sur Grixti kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jeċċepixxu li huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża.*

*21. Din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' fil-konfront tas-Sur Grixti. Dan fid-dawl ta' diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jgħidu li meta kwistjoni kostituzzjonali titqajjem dwar jew waqt xi proċedura ġudizzjarja, il-partijiet kollha li jkunu fil-kawża meta titqajjem din il-kwistjoni, għandhom jiġu kkunsidrati leġittimi kontradittturi.*

*22. Madankollu dan ma japplikax għar-Reġistratur. Ir-Reġistratur ma kinitx parti fil-kawża li dwarha nqalgħet din il-kwistjoni. Lanqas ma jista' jingħad li hi kienet direttament jew indirettament responsabbli għall-kummissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li, skont is-sinjura Grixti, jikser id-drittijiet fundamentali tagħha. Kif targumenta l-irwol tagħha huwa biss amministrattiv, u ma tirrappreżentax lill-Qrati – anzi hi tieħu ordnijiet mingħandhom. Tajjeb li jingħad ukoll li r-Reġistratur mhix f'pożizzjoni li tagħti r-rimedji li l-Qorti ġiet mitluba tipprovdi għall-ilment tal-ksur tad-*

*drittijiet fundamentali tas-sinjura Grixti.*

*23. Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjoni tas-sur Grixti għandha tiġi miċħuda filwaqt li dik tar-Reġistratur għandha tintlaqa', b'dan illi r-Reġistratur għandha tinħeles mhux biss mill-osservanza tal-ġudizzju, imma mit-talbiet.*

***Rimedju ordinarju***

*24. L-Avukat tal-Istat jgħid li l-liġi ma tillimitax kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob ir-rikonsiderazzjoni 'tad-Digriet'. Jgħid ukoll li hemm ir-rimedju ta' appell wara s-sentenza finali; u li jekk kellha tinbiegħ id-dar matrimonjali, is-sinjura Grixti dejjem tista' tiġi kkumpensata fis-sentenza finali.*

*25. Fil-fehma tiegħu, dan ifisser li s-sinjura Grixti għad għandha rimedju skont id-dritt ordinarju. Għalhekk, huwa stieden lill-qorti biex teżerċita d-diskrezzjoni li hija ġiet mogħtija bil-proviso għas-subartikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew bil-proviso għas-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 (jew it-tnejn li huma), u tieqaf milli tisma' u tiddeċiedi din il-kawża.*

*26. Dawn l-argumenti ma ġewx riflessi - almenu mhux formalment - fir-risposta ta' Ivan Grixti, għalkemm jidher ċar minn kif imxew il-proċeduri quddiem il-QF li hu ma jikkontestax id-dritt ta' martu li tressaq kontestazzjoni wara kontestazzjoni tal-istess digriet. Ukoll, kif rajna, hu jieħu l-pożizzjoni, li magħha taqbel il-qorti, li digriet li jirregola l-manteniment mhux digriet interlokutorju u, allura, li m'hemmx appell minnu skont l-art. 229 tal-Kap. 12. Jibqa' l-fatt, b'danakollu, li ma stedinx lill-qorti biex ma tkomplix bis-smigħ tal-kawża, iżda talab li għandha tiċħadha fil-mertu.*

*27. Biex il-qorti tieħu pożizzjoni dwar l-argumenti tal-Avukat tal-Istat, hu meħtieġ li naraw kemm hu minnu, anki mill-lat teoretiku, dak li jgħid. Il-Qorti sejra tqis il-pożizzjoni skont in-natura tad-digrieti, kif maqsuma f'para. 18.*

*It-talbiet biex jiġi rivedut il-Digriet Manteniment*

*28. Id-Digriet Manteniment ma ġiex attakkat f'din il-kawża u, preżumibbilment, ingħata skont l-art. 37 tal-Kap. 16.*

*29. Mhux kompletament ċar fuq liema bażi s-sinjura Grixti talbet ordni biex ir-raġel tagħha jiġi ordnat iħallas id-dejn tal-komunjoni fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni. Fl-ewwel rikors li dwaru qed issir din il-kawża – dak tal-20 ta' April 2018 – is-sinjura Grixti talbet varjazzjoni, jew riforma, tad-Digriet Manteniment billi (fost affarijiet oħra) jiġi ordnat li s-sur Grixti jkompli jħallas id-djun. Wieħed jifhem li hi kienet qed tqis ordni f'dan ir-rigward bħala element, anki jekk indirett, tal-manteniment li kienet qed tippretendi li kellu jitħallas lilha. Il-Qorti ma tarax li seta' kien mod ieħor, għaliex il-QF tista', tagħti ordnijiet proviżorji biss rigward (i) il-*

*manteniment; (ii) min jgħix fid-dar matrimonjali; u (iii) l-kura u l-kustodja tat-tfal. Isegwi minn dan li biex is-sinjura Grixti setgħet biss tressaq talba dwar il-ħlas tad-dejn, din kellha tressaqha bħala parti mit-talba tagħha għall-ħlas ta' manteniment.*

*30. Ir-rikorsi sussegwenti dwar manteniment u dwar id-dejn ma tressqux, formalment, bħala talbiet biex jiġi varjat id-Digriet Manteniment. Imma l-effett, kieku ntlaqgħu, kien ikun dak, għaliex is-sinjura Grixti qiegħda titlob li r-raġel tagħha jħallas id-dejn kollu tal-komunjoni tal-akkwisti (jew almenu, impliċitament, il-ħlasijiet (kollha) regolari sakemm ikun hemm sentenza finali) sabiex hija tkun f'pożizzjoni aħjar biex tmantni lilha nnifisha. Għalhekk ser jitqiesu bħala tali.*

*31. F'Portelli v Portelli (Qorti tal-Appell, deċ. 3 ta' Diċembru 2010) ingħad li digriet li jiddetermina kemm għandu jitħallas bħala manteniment tul kawża ta' separazzjoni għandu – 'se mai' - jitqies bħala digriet interlokutorju li tista' tintalab ir-rikonsiderazzjoni tiegħu skont is-subartikolu (4) tal-art. 229 tal-Kap. 12, jew li jista' jintalab li jingħata dritt ta' appell minnu qabel is-sentenza finali skont is-subartikolu (3) tal-art. 229 tal-Kap. 12.*

*32. Il-qorti mhix konvinta li digriet dwar kemm għandu jitħallas bħala manteniment tul kawża ta' separazzjoni għandu jitqies bħala wieħed interlokutorju. Għalkemm digriet bħal dan ma jaqtax il-kwistjoni u għalkemm, warajh, wieħed jistenna sentenza, id-digriet ma jirregolax aspetti proċedurali tal-kawża, u digrieti interlokutorji huma ġeneralment mifhuma f'dan is-sens. Minflok, tali digriet jirregola, fuq bażi interim, aspetti sostantivi tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Mhux biss, imma hu titolu eżekuttiv (art. 37(4) tal-Kap. 16) u jista' jiġi rivedut, mibdul jew revokat, preżumibbilment mill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża (art. 37(7) tal-Kap. 16).*

*33. Fil-ġurisprudenza għadna nsibu distinzjoni bejn digrieti interlokutorji, digrieti finali u digrieti li la huma interlokutorji u lanqas finali; kategorija ta' digriet li hi definita b'dak li mhix iktar milli b'dak li hi. Jekk digriet dwar manteniment mhux interlokutorju u lanqas finali, jista' jitqies li jifforma parti mill-kategorija ta' digrieti li m'għandhomx isem? Fil-fehma tal-qorti, t-tweġiba hi fin-negattiv, għaliex dan id-digriet għandu karatteristiċi partikolari għalih, u li mhumiex kompatibbli mal-kategorija ta' digrieti li mhumiex interlokutorji u lanqas finali. Fir-rigward ta' dawn, il-ġurisprudenza tgħid li (i) ma jagħtux lok għal appell; u (ii) jistgħu jiġu attakkati jew impunjati, imma li dan irid isir b'kawża normali. Eżempju ta' tali digrieti qabel l-emendi tal-1995 għall-Kap. 12 kienu dawk li bihom kienu jinħarġu mandat kawtelatorji. Eżempju kontemporanju hu digriet mogħti fuq rikors skont l-art. 402 tal-Kap. 386.*

*34. Kif rajna, digriet proviżorju dwar manteniment jibqa' soġġett għal reviżjoni jew revoka u dan, preżumibbilment, mhux billi ssir kawża, imma b'sempliċi talba, b'rikors, mill-parti li titlob ir-reviżjoni jew ir-revoka (kif sar fil-każ bejn il-konjuġi Grixti quddiem il-QF). Hi proċedura simili għal dik*

*introdotta fl-1995 fir-rigward tal-mandati kawtelatorji bl-art. 836 tal-Kap. 12, għalkemm iktar flessibbli, għaliex hi l-qorti li tiddeċiedi kif għandha tqis it-talba. Bħal fil-każ tal-kategorija ta' digrieti bla isem, dan donnu jimplika li m'hemmx lok għal appell minn digriet bħal dan, għaliex hemm rimedju iktar faċli li wieħed jista' jirrikorri għalih, kemm quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Kif rajna ukoll, dan id-digriet hu titolu eżekuttiv.*

*35. Jidher minn dan li l-Avukat tal-Istat għandu raġun meta jgħid li l-liġi ma timponix limitu għal kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob reviżjoni tad-Digriet Manteniment. M'għandux raġun, iżda, li jgħid li d-Digriet Manteniment hu appellabbli bħala tali. Naturalment, dejjem jista' jiġi rivedut mill-Qorti tal-Appell waqt is-smigħ tal-appell u de facto dejjem jiġi rivedut meta tingħata sentenza.*

***Id-digrieti dwar permess speċjali biex jitressaq appell.***

*36. Kif rajna, id-digrieti li fih il-QF intalbet tagħti permess speċjali biex jitressaq appell minnhom kollha kienu jittrattaw il-kwistjoni tal-manteniment. Kif rajna ukoll, dawn ma kinux appellabbli skont l-artikolu 229 tal-Kap 12, għaliex id-Digriet Manteniment mhux digriet interlokutorju.*

***Provi***

*37. Dwar ir-rikorsi li jirrigwardaw il-provi, is-subartikolu (1) tal-artikolu 229 jagħmilha ċara li dawn la setgħu jiġu appellati u lanqas ikkontestati qabel is-sentenza finali.*

*Ebda rimedju ordinarju li jiġġustifika twaqqif*

*38. Minn din l-analiżi, u mill-punti addizzjonali li ser jissemmew hawn, il-qorti tqis l-argumenti tal-Avukat tal-Istat - li fuqhom ibbaża l-istedina tiegħu biex il-qorti tieqaf milli tisma' l-każ – bħala mhux konvinċenti.*

*39. Ir-rimedju ordinarju li jrid jeżisti biex il-qorti tkun ġustifikata li tiddeċiedi li ma tismax rikors kostituzzjonali jrid ikun prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat u sħiħ. Għalkemm hu minnu, kif jgħid l-Avukat tal-Istat, li ma hemmx limitu għal kemm-il darba s-sinjura Grixti tista' titlob lill-QF biex tbiddel id-Digriet Manteniment, mhux realistiku, u forsi lanqas korrett, ħlief possibbilment f'każ eċċezzjonali, li qorti tintalab terġa' tqis deċiżjoni tagħha wara li tkun ġa qieset talba għal rikonsiderazzjoni, fejn ma hemmx bidla materjali li tista' tiġġustifikaha. Ukoll, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QEDB meta parti tkun ittentat rimedju, mhux meħtieġ li tittenta rimedju ieħor li għandu l-istess oġġettiv. U jekk għandha raġun il-qorti li digriet dwar manteniment mhux appellabbli, ifisser li ma hemmx rimedju ordinarju effettiv li s-sinjura Grixti setgħet tfittex wara li ressqet ir-rikors li wassal għal Digriet 1 (rikors li, kif ser naraw, seta' kien ġustifikat proprju għaliex kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi wara d-Digriet Manteniment).*

*40. Dwar ir-rikorsi għal permess speċjali biex isir appell u r-rikorsi dwar il-*

*provi, il-qorti tqis li l-liġi ordinarja ma tagħti l-ebda rimedju li s-sinjura Grixti setgħet tirrikorri għalih. Inkwantu għall-kwistjoni tal-bejgħ tad-dar matrimonjali, il-liġi ma tagħti l-ebda rimedju ordinarju lis-sinjura Grixti fil-konfront tar-raġel tagħha, almenu mhux issa.*

*41. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' l-istedina tal-Avukat tal-Istat.*

***L-artikolu 6 (l-"art. 6") tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-"Konvenzjoni")***

*Manteniment*

*42. Ma jidhirx li l-liġi ordinarja obbligat lill-QF tagħti raġunijiet għad-digrieti tagħha li permezz tagħhom ċaħdet it-talbiet għat-tibdil fid-Digriet Manteniment. Dan, naturalment, ma jfissirx li ma seħħitx leżjoni tad-drittijiet fondamentali tas-Sinjura Grixti. Meta japplika l-art. 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tkun obbligata tagħti raġuni għas-sejbien tagħha dwar dawk is-sottomissjonijiet u l-argumenti meqjusa l-iktar essenzjali.*

*43. Japplika l-art. 6? L-Avukat tal-Istat isostni li ma japplikax stante li digrieti pendente lite ma humiex intiżi biex jiddeterminaw drittijiet jew obbligi ċivili b'mod finali.*

*44. Sal-2009, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEBD") kienet fis-sens li l-art. 6 ma japplikax għal miżuri interim għaliex dawn ma jiddeterminawx drittijiet u obbligi ċivili. Iżda f'Micallef v Malta, il-QEDB qieset li għaliex ċerti miżuri interim huma, in effett, deċiżivi u li nuqqasijiet imwettqa fil-kors ta' proċeduri ad interim mhux dejjem jistgħu jissewwew fi stadju ulterjuri. Kien ikun ferm iktar korrett l-Avukat tal-Istat li kieku irrefera lill-qorti għal din is-sentenza u, possibbilment, għamel argument għaliex l-art. 6 xorta m'għandux japplika f'dan il-każ.*

*45. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-qorti tqis li digriet dwar manteniment qabel sentenza għandu jitqies bħala determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi tal-partijiet minkejja li jista' jiġi anki rivedut u anki revokat mill-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża; dan għaliex, sakemm jibqa' fis-seħħ, id-digriet jew ir-reviżjoni tiegħu, jekk ikun il-każ, jkun qiegħed jiddetermina mhux biss drittijiet u obbligi ċivili tal-partijiet, imma effettivament kif ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom, għall-inqas mill-perspettiva finanzjarja.*

*46. Dan ifisser li tali digriet għandu jkun fih ir-raġunijiet li wasslu l-qorti għad-deċiżjoni li ħadet, u dan sabiex il-partijiet (i) jifhmu, u forsi anki jaċċettaw, ir-raġunament tal-qorti; u (ii) jkunu jistgħu, jekk jixtiequ, jitolbu li d-digriet jiġi mibdul. L-istess jista' jingħad għal deċiżjoni fuq talba għal reviżjoni ta' digriet: il-partijiet għandhom id-dritt li jkunu jafu għaliex talba għal reviżjoni tkun ġiet miċħuda jew aċċettata; u għandhom ikunu jafu ukoll x'tibdil fiċ-ċirkostanzi jista', eventwalment, jikkonvinċi lill-qorti tibdel il-pożizzjoni tagħha.*

*47. Iżda l-qorti ma tarax li dan jgħodd għal talba, jew talbiet, biex terġa' tiġi riveduta deċiżjoni meta t-talba tkun mibnija fuq l-istess punti ta' fatt jew ta' dritt (jew tat-tnejn), f'każ li l-qorti tkun ġa tat ir-raġunijiet għad-deċiżjoni oriġinali u għad-deċiżjoni riveduta. Qorti mhix obbligata li tirrepeti ruħha, jew li tagħti raġuni għal kull argument imressaq mill-partijiet.*

*48. Issa fil-każ tagħna, jidher li kien hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi wara li l-qorti kienet varjat id-digriet oriġinali tal-11 ta' Ottubru 2017 bid-digriet tas-26 ta' Jannar 2018. L-iktar tibdiliet importanti, almenu skont ma qalet is-sinjura Grixti fir-rikors tagħha tal-20 ta' Mejju 2018, kienu dawn:*

> *a. Wara d-digriet dwar il-manteniment (mhux ċar liema wieħed) is-sur Grixti beda jħallas nofs il-pagamenti dovuti lill-bank dwar is-self; u*
> *b. Hi kienet sabet xogħol part-time bi dħul nett ta' €740 fix-xahar.*

*49. Naturalment, il-bidla fid-dħul tas-sinjura Grixti kienet taħdem kontriha fir-rigward tat-talba tagħha għal żieda de facto fil-manteniment; filwaqt li l-kwistjoni tan-nuqqas fil-ħlas tad-dejn setgħet tqieset bħala punt favur tagħha.*

*50. Il-problema hi li meta l-qorti ċaħdet it-talba tas-sinjura Grixti ma tatx raġuni ċara għaliha. Kif rajna, qalet biss li kienet qed tiċħadha għal 'uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'. Issa skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjoni ta' qorti għandhom jissemmew b'mod ċar u mhuwiex biżżejjed li jingħad li t-talba qiegħda tiġi miċħuda għal 'uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'; punt li l-Avukat tal-Istat jinjora. U billi, kif rajna, il-QF kellha quddiemha ċirkostanzi ġodda, id-deċiżjoni tagħha dwar dawk iċ-ċirkostanzi kellha tiġi artikolata, b'mod li l-partijiet setgħu jifhmu kif waslet għaliha. Il-QF setgħet għamlet hekk anki b'mod telegrafiku, iżda mhux kriptiku.*

*51. Għalhekk, billi l-QF naqset milli tagħti raġunijiet jew raġunijiet suffiċjenti għad-Digriet 1 kif kienet obbligata tagħmel, ġie miksur id-dritt tas-sinjura Grixti għal smigħ xieraq. Dan ma ġiex rimedjat fid-digrieti rilevanti sussegwenti, u lanqas mod ieħor.*

***Appelli***

*52. Is-sinjura Grixti talbet biex tappella mid-Digriet 2; mid-Digriet 5; mid-Digriet 7; mid-Digriet 11; u minn digriet ieħor, mhux in atti: ara Digriet 14. Dawn it-talbiet ġew miċħuda fid-Digriet 3; fid-Digriet 6; fid-Digriet 8; fid-Digriet 12; u fid-Digriet 14. Kollha huma dwar il-kwistjoni tal-ħlas tad-dejn jew, fi kliem ieħor, dwar dik tal-manteniment.*

*53. Billi l-qorti sabet li d-digrieti li minnhom is-sinjura Grixti riedet tappella mhumiex digrieti interlokutorji, allura ma kienx hemm appell minnhom.*

*54. Issa sabiex l-art. 6 jkun applikabbli għal proċeduri ċivili, jeħtieġ li tkun teżisti kontestazzjoni rigward dritt ċivili jew l-eżerċizzju tat-tali dritt, liema*

*dritt jeżisti fuq bażi prima facie fil-liġi domestika. Il-kontestazzjoni trid tkun waħda ġenwina u ta' ċertu serjetà.*

*55. F'dan il-każ, ma hemm ebda kwistjoni bħal din billi, kif rajna, ma hemm ebda dritt ta' appell mid-digrieti li fir-rigward tagħhom intalab il-permess. Dan ifisser li l-art. 6 ma japplikax għad-digrieti inkwistjoni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u, allura, il-QF ma kinitx marbuta li tagħti raġunijiet għaċ-ċaħda tagħhom.*

*Provi*

*56. Is-sinjura Grixti tilmenta ukoll dwar tliet digrieti li permezz tagħhom il-QF ċaħditilha l-possibbiltà li tressaq provi partikolari. Kif rajna, dawn kellhom, skont il-liġi ordinarja, jiġu motivati. Imma dawn id-digrieti ma ddeterminawx drittijiet jew obbligi tal-partijiet fil-kawża, u huma rivedibbli mill-Qorti tal-Appell, anki jekk wara s-sentenza fil-mertu tal-QF. Dan ifisser li, l-art. 6 ma japplikax għal Digriet 9, Digriet 10 u Digriet 15.*

***L-art. 39 tal-Kostituzzjoni***

*57. Billi ma jidhirx li hemm xi differenzi bejn il-protezzjoni li joffri l-art. 6 u l-protezzjoni li joffri l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, il-qorti ma jidhrilhiex li hemm il-ħtieġa li tagħmel analiżi tal-ilment tas-sinjura Grixti mill-perspettiva tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ukoll.*

***L-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea***

*58. Is-sinjura Grixti tallega ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan għaliex id-dar matrimonjali tagħha u ta' żewġha hija fil-proċess li tinbiegħ b'subbasta minħabba n-nuqqas ta' ħlas fuq id-dejn konġunt tagħhom mal-bank.*

*59. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipproteġu lil individwi privati mill-privazzjoni tal-proprjetà tagħhom f'każ li ma jiġux sodisfatti r-rekwiżiti neċessarji elenkati.*

*60. F'dan il-każ, il-proprjetà mhux biss għadha ma nbiegħetx, imma l-proċeduri tal-bejgħ b'subbasta nbdew biss minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dejn, ikkonfermat b'sentenza. Issa skont paragrafu (f) u (h) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-ebda ħaġa fl-artikolu 37 m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew it-tħaddim ta' xi liġi sa fejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà 'bħala inċidentali għal kirja, liċenzja, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor' jew 'fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati' rispettivament.*

*61. B'mod simili, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax għal-liġijiet u l-għemil tal-Istat biex 'jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'*

*62. B'hekk peress li l-proprjetà qiegħda fil-proċess ta' bejgħ b'subbasta wara sentenza finali, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli.*

***L-art. 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni***

*63. It-tmien artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi protezzjoni lil individwu mill-indħil ta' awtoritajiet pubbliċi fl-eżerċizzju tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu, meta dan l-indħil ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet imsemmija fl-istess artikolu.*

*64. Fil-każ preżenti s-sinjura Grixti ma spjegatx x'indħil qiegħda tallega li seħħ min-naħa tal-Istat li jikser dawn il-ħtiġijiet. Għalhekk it-talba msejsa fuq dan l-artikolu ma tistax tiġi mistħarrġa.*

*65. L-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jipprovdi protezzjoni lil individwu kontra tfittix fuq il-persuna jew fuq il-proprjetà tiegħu meta ma jkunux ġew osservati r-rekwiżiti spjegati fit-tieni subinċiż tal-artikolu. Huwa għalhekk evidenti li dan l-artikolu m'għandu l-ebda rilevanza għall-fatti spjegati mir-rikorrenti, u l-ilmenti tagħha.*

***Ir-rimedji***

*66. Il-qorti sejra ssib ksur tal-art. 6 fir-rigward ta' Digriet 1, Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16 iżda sejra tordna li jerġa' jitqies biss Digriet 1 billi l-oħrajn huma, in effett, ripetittivi, u billi rimedju fir-rigward ta' Digriet 1 għandu f'kull każ jagħti rimedju adegwat. Mhux sejra ssib ksur fir-rigward tad-Digriet 3, Digriet 6, Digriet 8, Digriet 9, Digriet 10, Digriet 12, Digriet 14 u Digriet 15 billi dawn ma jqajmux kwistjoni taħt l-art. 6.*

*67. Ir-rimedju ser jikkonsisti fit-tħassir tad-Digriet 1 u f'ordni sabiex ir-rikors relattiv jinstema' mill-ġdid, u fit-tħassir ta' Digriet 2, Digriet 4, Digriet 5, Digriet 7, Digriet 11, Digriet 13 u Digriet 16, b'dan illi, fir-rigward ta' Digriet 1 (i) għandhom jingħataw raġunijiet għad-deċiżjoni li tingħata; u (ii) ir-rikors għandu jinstema' minn ġudikant ieħor. Ir-rimedju f'(ii) ser jiġi ordnat b'analoġija mal-loġika fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kostituzzjonalità tal-artikolu 814 tal-Kap. 12.*

*81 Il-QF kif preseduta, tat tmien deċiżjonijiet essenzjalment dwar l-istess kwistjoni. Ikun assurd li l-istess Imħallef tintalab terġa' tqis l-istess kwistjoni sostantiva. Dan, però, m'għandux jitqies bħala xi ġudizzju jew anki kumment avvers dwar l-imparzjalità tal-QF, kif preseduta, fl-għoti tad-digrieti attakkati mis-sinjura Grixti. Ifisser biss li l-ġustizzja ma tkunx tidher li qed issir jekk ma jinbidilx il-ġudikant; u ukoll li l-istess ġudikant m'għandhiex titqiegħed fil-pożizzjoni diffiċli li, possibbilment, ikollha tgħid li d-deċiżjoni li ħadet kemm-il darba qabel, kellha tkun mod ieħor.*

> *68. Is-sinjura Grixti ma ressqet ebda prova ta' danni pekunjarji u, allura, l-qorti ma għandha xejn xi tqis. Fir-rigward tat-talba għal danni morali, jidhrilha li dan hu każ li fih ir-rimedji msemmija fil-paragrafu preċedenti huma suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-ksur li sofriet.»*

13. L-attriċi Carmen Grixti appellat minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fl-10 ta' Settembru, 2024, u saħqet: (i) li l-Ewwel Qorti kellha ssib li hija ġarrbet ksur ta' smigħ xieraq ukoll b'rabta mad-Digrieti numri 9, 10 u 15; (ii) li d-digrieti kollha li ġew annullati mill-Ewwel Qorti għandhom jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid minn Imħallef differenti u mhux biss id-Digriet numru 1; (iii) li hija seħħilha turi li ġarrbet ksur tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**; (iv) li hi seħħilha turi wkoll li ġarrbet ksur tal-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**; u (v) li hija għandha tiġi mħallsa danni mhux pekunjarji minħabba l-ksur illi ġarrbet.

14. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell fl-20 ta' Settembru, 2024 u qal li l-appell għandu jiġu miċħud.

15. Min-naħa l-oħra, Ivan Grixti mhux biss wieġeb fil-11 ta' Ottubru, 2024 biex jgħid li l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud, iżda nqeda bir-risposta tal-appell sabiex jippreżenta wkoll appell inċidentali fejn saħaq: (i) li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-attriċi ma ġarrbet l-ebda ksur ta' smigħ xieraq lanqas fir-rigward tad-Digriet numru 1; (ii) li mhux sew li l-Ewwel

Qorti ddeċidiet li Digriet numru 1 għandu jiġi deċiż mill-ġdid minn Imħallef differenti; u (iii) li l-attriċi ma nqdietx bir-rimedji li tagħtiha l-liġi ta' proċedura sabiex twaqqa' d-digrieti li ma għoġbuhiex.

16. L-attriċi wieġbet għall-appell inċidentali ta' Ivan Grixti fit-28 ta' Ottubru, 2024 u qalet li dan għandu jiġi miċħud. L-Avukat tal-Istat irċieva l-appell inċidentali fis-17 ta' Ottubru, 2024, iżda dan għażel li ma jweġibx bil-miktub għalih.

17. Inżamm smigħ fit-3 ta' Marzu, 2025 u wara li l-partijiet ressqu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li ħadd mill-partijiet ma ressaq aggravji speċifiċi minn dawk il-kapijiet tas-sentenza appellata: (i) fejn l-Ewwel Qorti ħelset lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) fejn żammet lill-konvenut Ivan Grixti bħala parti f'din il-kawża; u (iii) fejn ċaħdet it-talbiet tal-attriċi dwar id-Digrieti numri 3, 6, 8, 12 u 14 u sabiex hija tiġi mħallsa għad-danni pekunjarji.

19. Il-fatt li l-attriċi fit-talba finali tal-appell ewlieni tagħha qalet li hija

kienet qiegħda tirriżerva l-pretensjoni tagħha dwar id-danni pekunjarji ma jfisser xejn, minħabba li ma hemm xejn x'seta' jiġi riżervat minnha, ladarba tajjeb jew ħażin l-Ewwel Qorti ċaħditilha dik it-talba u hija stess għażlet li ma tressaq l-ebda aggravju speċifiku minn dan il-kap tas-sentenza.

20. Bl-istess kejl ukoll, għad li Ivan Grixti fit-talba finali tal-appell inċidentali tiegħu talab lil din il-Qorti Kostituzzjonali sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu u tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi, madanakollu huwa ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-kap tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet li huwa kellu jibqa' bħala parti mħarrka f'din il-kawża.

21. Dawn it-tliet kwistjonijiet imsemmija f'paragrafu 18 ta' din is-sentenza għalhekk qegħdin jitqiesu bħala kapitlu magħluq.

22. Nimxu għalhekk biex inqisu l-aggravji li ġew imressqa fl-appell ewlieni tal-attriċi u fl-appell inċidentali tal-konvenut Ivan Grixti.

23. Din il-Qorti jidhrilha xieraq li għandha tibda qabel kull ħaga oħra billi tqis it-**<u>tielet aggravju tal-appell inċidentali ta' Ivan Grixti</u>**, fejn dan qed jgħid li t-talbiet kollha tal-attriċi kellhom jiġu miċħuda għaliex hi setgħet tattakka d-digrieti kollha tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li ma kinitx

qiegħda taqbel magħhom, billi tiftaħ kawża *ad hoc* biex dawn jiġu mħassra. Dan hu aħjar li jsir hekk peress li jekk dan l-aggravju jirriżulta li huwa mistħoqq, allura ma jkunx hemm bżonn li jiġu indirizzati l-aggravji l-oħra li tressqu fl-appell ewlieni tal-attriċi u fl-appell inċidentali tal-konvenut Ivan Grixti.

24. Ta' min jgħid li dan l-argument imqajjem f'dan l-aggravju ma kienx ġie mressaq minn Ivan Grixti fir-risposta tiegħu għar-rikors kostituzzjonali.

25. L-attriċi tilqa' għal dan l-aggravju billi targumenta li huwa assurd min-naħa ta' Ivan Grixti li jippretendi li din il-Qorti Kostituzzjonali għandha tirrifjuta milli tisma' l-appell u l-kawża, meta diġà hemm sentenza tal-Ewwel Qorti li sabet li seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha. Tisħaq li d-deċiżjoni ta' qorti li tirrifjuta milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha minħabba l-eżistenza ta' rimedji alternattivi hija waħda fakultattiva u mhux obbligatorja. Għalhekk ittenni li mhux għaqli li din il-Qorti Kostituzzjonali tirrifjuta milli tkompli tisma' l-kawża, f'qagħda fejn diġà jkun hemm dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem mill-Ewwel Qorti.

26. Din il-Qorti taqbel mal-attriċi hawnhekk li bħala regola ġenerali l-Qorti Kostituzzjonali għandha toqgħod kemm jista' jkun lura milli titbiegħed mid-diskrezzjoni li l-Ewwel Qorti għandha taħt l-**Artikolu 46(2)**

**tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea**, meta dik l-Ewwel Qorti tkun sabet li seħħ ksur ta' dritt fundamentali (ara ***Nadia Vella et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 2020). Ir-raġuni hi li ma jkunx għaqli illi jitkompla proċess ġudizzjarju, meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi f'dak il-proċess ikun seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq ta' waħda mill-partijiet u dik is-sentenza tiġi mħassra mhux minħabba raġunijiet ta' mertu iżda minħabba punt proċedurali, b'mod għalhekk illi l-punt kollu li dwaru jkun instab il-ksur ta' drittijiet jibqa' mdendel fuq il-proċess ġudizzjarju.

27. Għalhekk ladarba diġà jkun hemm deċiżjoni ġudizzjarja li toħloq għall-inqas dubju *prima facie*, li l-proċess jista' jkun imtappan bi ksur ta' smigħ xieraq, allura jkun aktar għaqli li dak id-dubju jew jiġi kkonfermat jew inkella jitneħħa mill-Qorti Kostituzzjonali (ara ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju, 2016).

28. Lil hemm minn dan però, din il-Qorti tqis li jkun xieraq li tiftaħ ħafna aktar fuq dan l-aggravju tal-konvenut Ivan Grixti sabiex kemm jista' jkun jiġu ppreċiżati ċertu punti dwar in-natura legali tad-digrieti temporanji mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment, mal-kura u l-kustodja tat-tfal u mad-dar matrimonjali, li fil-

fehma ta' din il-Qorti ma ġewx imfissra b'mod korrett mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

29. Jidher li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li digrieti *pendente lite* mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma jistgħux jitqiesu bħala digrieti interlokutorji skont il-liġi u bħala tali għalhekk dawn ma jistgħux jiġu appellati skont il-proċedura msemmija fl-**Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċdura Ċivili**.

30. Din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti però tinsab meruta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell. Kemm hu hekk, dan l-aħħar il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Raisa Cutajar v. Jean Claude Spiteri*** mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 2024 qalet li digrieti provviżorji bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment, mal-kura u l-kustodja tal-ulied u mat-tkeċċija ta' xi ħadd mill-miżżewġin mid-dar matrimonjali jaqgħu fl-ambitu ta' digrieti interlokutorji. Dik il-Qorti fissret li l-kelma interlokutorju timplika xi ħaġa li mhijiex finali u li tista' tinbidel aktar 'il quddiem. Fi kliem ieħor digriet interlokutorju huwa digriet mogħti waqt li tkun għaddejja kawża, li ma jagħlaqx it-tilwima ta' bejn il-partijiet għaliex ikun meħtieġ deċiżjoni oħra tal-Qorti biex it-tilwima tkun tista' tiġi solvuta. F'dan il-kuntest id-digriet ta' manteniment *pendente lite* ġie meqjus bħala l-każ klassiku ta' digriet interlokutorju għaliex bih ma tingħalaqx it-tilwima ta' bejn il-partijiet għaliex minkejja dak id-digriet, il-Qorti xorta waħda tkun trid tibqa'

għaddejja bil-kawża u tissokta bis-sentenza finali tagħha.

31. Minbarra dan, ġie enfasizzat li fil-liġi tagħna digriet interlokutorju mhuwiex relatat biss ma' kwistjonijiet ta' sura proċedurali iżda jista' jkun relatat ukoll anke ma' kwistjonijiet dwar it-twettiq ta' obbligazzjonijiet waqt il-mixi tal-kawża. Dan fil-fatt joħroġ kemm mill-**Artikolu 267(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jgħid li digrieti interlokutorji jistgħu jiġu eżegwiti provviżorjament, kif ukoll mill-Artikolu **255(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jgħid li digrieti interlokutorji huma eżegwibbli wara erbgħa u għoxrin siegħa li jingħataw. Intqal li kieku digriet ta' manteniment *pendente lite* mhuwiex meqjus bħala digriet interlokutorju, allura dan ikun ifisser li dan ma jkunx jista' jiġi eżegwit skont l-**Artikoli 255(a)** u **257(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex dawn id-dispożizzjonijiet isemmu biss digrieti interlokutorji bħala li jistgħu jiġu eżegwiti. U jekk digriet ta' manteniment *pendente lite* ma jkunx jista' jiġi eżegwit għaliex mhuwiex digriet interlokutorju, dan ikun ifisser li min ikun ingħata l-jedd li jirċievi l-manteniment waqt il-kawża ma jkunx jista' joħroġ mandati eżekuttivi kontra dak, li għalkemm ikun ġie ordnat illi għandu jħallas dak il-manteniment, jagħżel li ma jobdix dak id-digriet. Interpretazzjoni din, li taf iġġib fix-xejn l-iskop wara li tingħata ordni provviżorja għall-ħlas ta' manteniment.

32. Din il-Qorti Kostituzzjonali taqbel għalkollox ma' din il-fehma espressa mill-Qorti tal-Appell, illi digrieti provviżorji bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' manteniment *pendente lite* għandhom jitqiesu bħala digrieti interlokutorji skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex dawn id-digrieti: (i) ma jagħlqux għalkollox it-tilwima ta' bejn il-partijiet; (ii) ma joħolqux ġudikat fuq il-Qorti li tkun tathom għaliex dawn dejjem jistgħu jiġu mneħħija jew mibdula minnha: (iii) u jistgħu jiġu eżegwiti b'mod provviżorju waqt li tkun għaddejja l-kawża.

33. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti meta qalet li l-attriċi ma setgħetx bil-liġi tappella mid-digrieti *pendente lite* mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex dawn mhumiex digrieti interlokutorji. Bil-maqlub, din il-Qorti tgħid li dawk id-digrieti *pendente lite* huma digrieti interlokutorji u bħala tali dawn setgħu jiġu appellati skont il-proċedura msemmija fl-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

34. B'danakollu però jirriżulta f'dan il-każ, li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma tatx l-awtorizzazzjoni tagħha skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex l-attriċi tkun tista' tappella minn dawn id-digrieti *pendente lite* qabel l-għoti tas-sentenza finali. Minħabba f'hekk ma jistax jingħad li r-rimedju tal-appell kien rimedju

alternattiv li l-attriċi setgħet tagħmel użu minnu minflok ir-rimedju kostituzzjonali, ladarba dan ġie miċħud lilha mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). F'dan ir-rigward, ta' min jgħid li l-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***Paul Mercieca and Others v. Malta*** deċiża fl-14 ta' Novembru, 2011, kienet qalet li digrieti mogħtija f'kawżi ċivili li ma jagħtux il-jedd ta' appell minn sentenzi parzjali qabel is-sentenzi finali huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' smigħ xieraq kif imħarsa taħt l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

35. Dan iġibna lura għat-tielet aggravju ta' Ivan Grixti, fejn huwa jsostni li jekk l-attriċi riedet tħassar dawn id-digrieti *pendente lite*, mela allura hija messha fetħet kawża *ad hoc* biex titlob għat-tħassir tagħhom.

36. Anke fuq hawn iżda, l-aħħar ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell hija fis-sens li dan ma jistax isir. Fil-fatt fis-sentenza ***Dr Ian Micallef v. Dr Joanna Ghigo*** deċiża fit-13 ta' Jannar, 2025 il-Qorti tal-Appell tenniet li digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija *pendente lite* huma digrieti interlokutorji u għaldaqstant dawn ma jistgħux jiġu impunjati b'kawża *ad hoc*. Ġie stabbilit li dawn id-digrieti jistgħu jiġu mibdula biss jew wara talba għar-rikonsiderazzjoni tagħhom, skont l-**Artikoli 229(4)** u **230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li digriet interlokutorju ma jagħmilx ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu jew inkella permezz ta' appell li jsir bl-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti skont l-

**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

37. Billi għalhekk l-attriċi ma setgħetx tiftaħ kawża *ad hoc* biex tħassar id-digrieti interlokutorji mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), dan ifisser li l-konvenut Ivan Grixti m'għandux raġun jgħid li l-attriċi setgħet tiftaħ kawża *ad hoc* minflok tiftaħ din il-kawża kostituzzjonali.

38. Dan l-aggravju ta' Ivan Grixti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

39. Ngħaddu issa biex inqisu l-**<u>ewwel aggravju ta' Ivan Grixti</u>**, li għandu x'jaqsam biss ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet li d-Digriet numru 1 ingħata bi ksur tal-jeddijiet tal-attriċi minħabba li dan ma ġiex motivat.

40. Jiġi rilevat, li għalkemm Ivan Grixti f'paragrafu 36(a) tar-rikors tal-appell inċidentali tiegħu, ta x'jifhem fl-ewwel aggravju tiegħu, li huwa kien ħa jilmenta minn dak il-kap tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet li l-attriċi ġarrbet ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq minħabba li d-Digrieti numru 1, 2, 4, 5, 7, 11, 13 u 16 ma kinux motivati; madankollu meta wieħed jgħarbel kif imiss l-ewwel aggravju tiegħu minn paragrafi 37 sa 43, wieħed dlonk jintebaħ li l-aggravju tiegħu jmiss biss mad-Digriet numru 1.

41. Jiġi b'hekk, li ladarba Ivan Grixti ma ressaq l-ebda argumenti

speċifiċi għalfejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet żbaljata sa fejn tolqot id-Digrieti numru 2, 4, 5, 7, 11, 13 u 16, din il-Qorti m'għandha xejn fuq xiex tista' tistħarriġhom u dwar dawn id-digrieti hija tista' tieqaf hawn.

42. Dwar id-Digriet 1 jirriżulta li dan ingħata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Mejju, 2018 (ara paġna 72 tal-atti tal-kawża) u kien maħsub biex jiddeċiedi r-rikors li l-attriċi kienet ressqet fl-20 ta' April, 2018 (ara paġni 21 sa 47 tal-atti tal-kawża). F'dak ir-rikors l-attriċi kienet talbet sabiex jiżdied il-manteniment tagħha, sabiex jiżdied il-manteniment tal-ulied u sabiex Ivan Grixti jkompli jħallas id-djun li daħal għalihom ħalli b'hekk il-kredituri ma jdurux fuqha. Ivan Grixti kien wieġeb għal dan ir-rikors fit-28 ta' Mejju, 2018 (ara paġni 49 sa 71 tal-atti tal-kawża).

43. Jumejn wara, fit-30 ta' Mejju, 2018, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet tat dan id-digriet:

> *«Rat ir-rikors tal-20 ta' April, 2018 u r-risposta;*
>
> *Tiċħad it-talba għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.»*

44. L-Ewwel Qorti qalet li dan id-digriet kiser il-jedd ta' smigħ xieraq tal-attriċi għaliex ma kienx motivat jew ma kienx fih raġunijiet biżżejjed.

45. Ivan Grixti ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u jsostni fl-ewwel aggravju tiegħu li għalkemm il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) messha laħħmet aħjar id-digriet tagħha, madankollu jirriżulta li l-attriċi

kienet diġà ressqet żewġ rikorsi simili fil-11 ta' Ottubru, 2017 u fl-4 ta' Diċembru, 2017 li kienu ġew deċiżi. Minbarra dan, huwa jżid li fl-istess żmien l-istess Imħallef semgħet ukoll rikors għat-tħassir ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Għalhekk Ivan Grixti jargumenta li l-Imħallef li kienet qiegħda tpoġġi fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet taf sew dwar it-tilwim li hemm bejn il-partijiet.

46. Mingħajr wisq tidwir mal-lewża, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju ma huwa fejjiedi xejn.

47. Ibda biex, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti meta fil-paragrafu 42 tas-sentenza tagħha qalet li l-liġi ordinarja ma kinitx tobbliga lil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) timmotiva dan id-digriet tagħha. Mod ieħor, ladarba kif għidna aktar kmieni, digriet dwar manteniment *pendente lite* huwa wieħed ta' xejra interlokutorja, mela allura skont l-**Artikolu 221** moqri flimkien mal-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dan suppost kellu jkun fih ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha (ara ***Louis Borg et v. Dottor Matthew Brincat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2009). Dan aktar u aktar meta l-partijiet ma jkunux qegħdin jaqblu bejniethom, anzi jkunu qegħdin jitlewmu bejniethom fuq ħafna affarijiet, bħal fil-każ tal-lum, dwar kif għandu jiġi deċiż dak ir-rikors.

48. Ukoll taħt il-liġi ordinarja, digriet li ma jkunx motivat huwa suġġett għan-nullità taħt l-**Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jekk kemm-il darba l-vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi tkun ġabet preġudizzju lil dik il-parti li tkun talbet in-nullità, illi ma jistax jissewwa xort'oħra, ħlief billi d-digriet jiġi annullat (ara ***Maria Sammut et v. L-Avukat Lorraine Conti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2012).

49. F'dan il-kuntest, in-nuqqas totali ta' qorti milli timmotiva d-digriet tagħha jpoġġi fl-għama mhux biss lill-partijiet dwar ir-raġunijiet għalfejn dik il-qorti tkun iddeċidiet b'dak il-mod, iżda jpoġġi wkoll f'diffikultà lill-qorti ta' reviżjoni għaliex mingħajr motivazzjoni fid-digriet appellat, din ma tkunx tista' tgħid jekk l-Ewwel Qorti użatx sew id-diskrezzjoni tagħha f'dak il-każ (ara ***Road Construction Co Ltd v. Salvu Mintoff & Sons Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

50. Hekk pereżempju, digriet li ċaħad talba għas-sejħa fil-kawża ta' xi ħadd għar-raġuni «*Billi saret f'dan l-istadju*» tqies bħala digriet inaċċettabbli fil-liġi għaliex kien nieqes minn kull motivazzjoni (ara ***Joseph Cassar v. George Pace pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000). Bl-istess mod, digriet li fih sempliċement jingħad, «*Tiċħad it-talbiet għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta*», tqies li ma fihx motivazzjoni suffiċjenti għaliex l-Ewwel Qorti kellha tgħid x'kienu

r-raġunijiet fit-tweġiba li wassluha biex tiċħad it-talba f'rikors, u mhux tħalli lill-partijiet fi stat ta' inċertezza (ara ***Martin Leonard Micallef v. Jacqueline Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2023).

51. Terġa' u tgħid, ġie miżmum mill-Qrati tagħna, li l-importanza li digrieti jkunu motivati tassumi aktar qawwa f'każijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi tal-familja. Ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Nadia Vella et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fl-20 ta' Lulju, 2020, li huwa essenzjali li d-digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), jiġu motivati b'mod ċar, ħalli b'hekk il-partijiet ikunu jafu r-raġuni li tkun wasslet lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni bħal dik. Ġie mtenni f'din is-sentenza li kawżi ta' din ix-xorta jolqtu l-ħajja ta' kuljum ta' familji sħaħ u għalhekk iktar u iktar hemm bżonn ta' ċertezza.

52. Naturalment, m'hemmx għalfejn li d-digriet ikun elaborat. L-importanti huwa li l-partijiet ikunu ngħataw ħjiel ċar għaliex il-Qorti tkun iddeċidiet b'ċertu mod. Għalhekk, dikjarazzjonijiet vagi u ġeneriċi li bihom il-partijiet ma jkunux jistgħu jifhmu x'kienu r-raġunijiet li l-Qorti qieset li kienu rilevanti biex waslet għal deċiżjoni sabiex tilqa' jew tiċħad talba huma meqjusa bħala digrieti nulli għaliex ikunu sajma minn kull motivazzjoni (ara ***Kevin Pace v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar, 2021).

53. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, huwa bil-wisq ovvju li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset sew meta ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex hija kienet qiegħda tiċħad it-talbiet attriċi biex jkun hemm żieda fil-manteniment tagħha u tat-tfal u sabiex il-konvenut Ivan Grixti jibqa' jħallas id-dejn kollu li daħal għalih. Mhux biżżejjed għaliha li tgħid li hija kienet qiegħda tiċħad it-talbiet tagħha għal uħud mir-raġunijiet imsemmija mill-konvenut. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet fi dmir mhux biss li tidentifika liema kienu dawk ir-raġunijiet imsemmija mill-konvenut Ivan Grixti li hija kienet qiegħda taqbel magħhom, iżda kienet fid-dmir ukoll li tfisser għaliex kienet qiegħda taqbel ma' dawk ir-raġunijiet u mhux mat-talbiet attriċi indikati fir-rikors.

54. Meta wieħed iqis in-natura sensittiva u serja tat-talbiet li ressqet l-attriċi fir-rikors tagħha tal-20 ta' April, 2018 u l-għadd kbir ta' dokumenti li ġew imressqa mill-attriċi biex issostni dawn it-talbiet tagħha, biex ma nsemmux ukoll ir-risposta daqstant ieħor mirquma tal-konvenut li ġiet imżewwġa wkoll b'għadd ta' dokumenti oħra, wieħed kien jistenna li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tagħmel ftit aktar sforz fil-ġudizzju tagħha u mhux teħles ħafif billi tgħid biss li kienet qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attriċi minħabba wħud mir-raġunijiet msemmija fir-risposta.

55. F'din il-qagħda, mhux ta' wens għall-konvenut Ivan Grixti li jgħid li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet b'dan il-mod għaliex kellha

stampa ċara tat-tilwim kollu li kien hemm għaddej bejn il-partijiet u li hija kienet diġà ddeċidiet talbiet simili qabel. Dan qed jingħad għaliex ladarba ma nafux x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex ċaħdet ir-rikors tal-attriċi tal-20 ta' April, 2018, mela allura ma nistgħux ngħidu b'kuxjenza safja li dik il-Qorti ċaħdet dawk it-talbiet għaliex kienet taf eżattament x'kien hemm għaddej bejn il-partijiet. Għal dak li jiswa, ma jistax jiġi eskluż li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet xotta fid-digriet tagħha għaliex forsi ratha iebsa wisq biex toqgħod tistħarreġ dak ir-rikors.

56. Hu x'inhu l-każ, jibqa' l-fatt li d-digriet ma kienx motivat u billi l-kwistjonijiet li dwarhom kellu jingħata dak id-digriet kien jolqot jeddijiet u obbligi ċivili li Carmen u Ivan Grixti għandhom lejn xulxin bħala miżżewġin skont il-**Kodiċi Ċivili**, mela allura din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-attriċi tabilħaqq ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq meta t-talbiet tagħha għal żieda ta' manteniment u għall-ħlas ta' djun *pendente lite* ġew skartati mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mingħajr l-ebda ħjiel ċar ta' raġuni.

57. L-ewwel aggravju ta' Noel Grixti għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

58. Dan jeħodna għat-**<u>tieni aggravju tal-appell inċidentali ta' Ivan Grixti</u>**. Fih huwa jgħid li jekk kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma li d-

digriet tat-30 ta' Mejju, 2018 huwa null, ir-rikors tal-attriċi tal-20 ta' April, 2018 għandu jerġa' jiġi deċiż mill-istess Imħallef li qed tpoġġi fil-kawża tal-firda personali u mhux minn Imħallef differenti. Isostni li l-atti tal-kawża tal-firda personali u l-atti tar-revoka mandat fihom madwar 50 volum ta' proċessi bejniethom u għalhekk billi kienet Imħallef speċifiku li għexithom, mela allura tkun inġustizzja kbira li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 jiġi deċiż minn Imħallef ieħor.

59. Jissokta jingħad, li din il-Qorti ma taqbilx mal-argument ta' Ivan Grixti li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 għandu jerġa' jiġi deċiż mill-istess Imħallef għar-raġuni biss li din ilha żmien twil tisma' l-kawża. Kif sewwa tgħid l-attriċi fir-risposta tagħha għal dan l-aggravju mhijiex xi ħaġa barra minn din id-dinja li kawża li tkun bdiet tinstema' minn Imħallef partikolari tispiċċa biex tinqata' minn Imħallef differenti minħabba sitwazzjonijiet bħal ngħidu aħna irtirar tal-Imħallfin jew bdil fl-assenjazzjoni tad-dmirijiet tal-Imħallfin.

60. Fuq kollox, id-dritt għal smigħ xieraq ma jitlobx bilfors li l-kawża għandha tiġi deċiża bilfors mill-istess Imħallef li jkun sema' l-provi (ara ***Winston Carbone nomine v. Tancred Tabone nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Lulju, 2007). Tassew, kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et*** deċiża fid-9 ta' Jannar, 2008, li kieku kellu jiġi aċċettat li kawża għandha tinqata'

biss mill-Imħallef li jisma' l-provi, dan ikun ifisser illi kull darba li ġudikant jieħu post ġudikant ieħor il-provi jkunu jridu jinstemgħu mill-ġdid, b'ħela ta' enerġija, dewmien u spejjeż żejda. Barra minn hekk, tali konklużjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-ġudikant sostitut għaliex ikun ifisser li dan, ġaladarba ma jkunx sema' hu l-provi *viva voce*, ma jkunx jista' jagħmel ġudizzju għaqli tal-eżami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali raġunament, jekk aċċettat, ċertament jinnewtralizza għalkollox ukoll il-ħtieġa tal-ġbir tal-provi permezz ta' affidavits jew permezz tal-Assistenti Ġudizzjarji. Mhux hekk biss, bl-istess argument, li kieku wieħed kellu jħaddan din il-pożizzjoni riġida, lanqas il-Qorti tal-Appell ma tkun tista' tiddeċiedi appell qabel ma mqar tisma' l-provi kollha hi (ara ***Albert Noel Portelli et v. Paola Developments Limited et*** maqtugħa fit-3 ta' Novembru, 2006). Għalhekk dan l-argument ta' Ivan Grixti ma jistax jitqies bħala wieħed mistħoqq.

61. Biss però, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ordnat li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 għandu jiġi deċiż minn Imħallef differenti.

62. L-ilment tal-attriċi f'din il-kawża kostituzzjonali ma kienx li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) messha laqgħet ir-rikors tagħha tal-20 ta' April, 2018, iżda l-ilment tagħha kien li d-digriet tat-30 ta' Mejju, 2018 li bih ġie miċħud dan ir-rikors tagħha ma kienx motivat. Għalhekk, biex in-nuqqas ta' motivazzjoni mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jiġi msewwi

ma kienx hemm għalfejn li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 jintbagħat quddiem Imħallef differenti li mhuwiex qiegħed jisma' l-kawża tal-firda personali li hemm għaddejja bejn il-miżżewġin Grixti. Mod ieħor, huwa biżżejjed jekk jiġi mħassar dak id-digriet tat-30 ta' Mejju, 2018 għaliex dan ingħata mingħajr motivazzjoni, b'dana li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 għandu jerġa' jiġi deċiż mill-istess Imħallef li qiegħda tisma' l-kawża tal-firda personali, basta li din id-darba din tagħti l-motivazzjonijiet tagħha dwar kif qiegħda tiddeċiedi dak ir-rikors.

63. Bi tweġiba għal dak li qalet l-Ewwel Qorti f'paragrafu 67 tas-sentenza appellata, din il-Qorti ma tara xejn assurd fil-fatt li r-rikors tal-20 ta' April, 2018 għandu jerġa' jiġi deċiż mill-istess Imħallef li qed jisma' l-kawża tal-firda personali, ladarba l-kawża tal-firda personali baqgħet quddiem l-istess Imħallef. Anzi din il-Qorti jidhrilha li jkun hemm aktar taqlib u aktar taħwid fil-proċeduri jekk digrieti interlokutorji jispiċċaw jingħataw minn Imħallfin li mhumiex fil-proċeduri nfushom tal-firda personali. Ma ninsewx, li l-attriċi f'din il-kawża mhijiex qiegħda titlob li l-kawża tal-firda personali għandha tinstema' minn Imħallef ieħor. Għalhekk din il-Qorti ma tarax l-ħtieġa għalfejn ir-rikors tal-20 ta' April, 2018 m'għandux jerġa' jiġi deċiż mill-Imħallef li bħalissa qiegħed jisma' l-kawża tal-firda personali. Anzi huwa aktar xieraq għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li dawn ir-rikorsi jiġu degretati mill-Imħallef li quddiemu qiegħda tinstema' l-kawża, u mhux minn Imħallef ieħor li

eventwalment mhuwiex ser jagħti s-sentenza finali.

64. B’danakollu bil-għan li forsi jiġu evitati problemi aktar ’il quddiem, din il-Qorti tħoss xieraq li minħabba ċ-ċirkostanzi u l-iżviluppi kollha li wasslu għal dawn il-proċeduri kostituzzjonali, hija għandha tordna lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li wara li tiddeċiedi r-rikors tal-20 ta’ April, 2018, hija m’għandhiex tirrifjuta l-permess tagħha biex isir appell mid-digriet tagħha skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jekk kemm-il darba xi ħadd mill-miżżewġin Grixti jitlobha l-awtorizzazzjoni biex jappella mid-digriet tagħha, li kif għidna aktar kmieni huwa digriet ta’ sura interlokutorja u għalhekk huwa appellabbli. B’hekk il-partijiet ikollhom disponibbli għalihom il-jedd tad-doppju eżami mill-ewwel.

65. Minn dan l-aspett għalhekk dan it-tieni aggravju ta’ Ivan Grixti qiegħed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata sejra tiġi mibdula.

66. Hekk li ġie indirizzat l-appell inċidentali ta’ Ivan Grixti, din il-Qorti tista’ tissokta billi tistħarreġ l-appell ewlieni tal-attriċi.

67. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħha, l-attriċi targumenta li l-Ewwel Qorti kellha ssib ukoll li hija ġarrbet ksur tas-smigħ xieraq minħabba li lanqas id-Digrieti numri 9, 10 u 15 ma ġew motivati.

68. Id-Digriet Numru 9 kellu x'jaqsam mar-rikors li l-attriċi kienet ressqet fl-1 ta' Ġunju, 2020 (ara paġna 246 tal-atti tal-kawża) sabiex il-konvenut Ivan Grixti jiġi ordnat jesibixxi rendikonti awtentiċi tal-*visa card* tiegħu u tal-kontijiet li għandu ma' Barclays għaliex sostniet li dawn kienu jiffurmaw bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom bħala miżżewġin. Il-konvenut Ivan Grixti kien oġġezzjona għal dawn it-talbiet bi tweġiba tal-15 ta' Ġunju, 2020 (ara paġna 248 tal-atti tal-kawża). Fl-istess jum, tal-15 ta' Ġunju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat dan id-digriet (ara paġna 249 tal-atti tal-kawża):

> *«Rat ir-rikors ta' Carmen Grixti tal-1 ta' Ġunju, 2020 u r-risposta;*
>
> *Tiċħad it-talba għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.»*

69. Id-Digriet Numru 10 huwa dwar rikors tal-attriċi tad-9 ta' Settembru, 2020 (ara paġni 252 sa 257 tal-atti tal-kawża) fejn hija tat aktar tagħrif u semmiet aktar raġunijiet għaliex il-konvenut Ivan Grixti kellu jiġi ordnat jipprovdi tagħrif dwar il-kontijiet bankarji tiegħu. Ivan Grixti oġġezzjona għal dan ir-rikors bi tweġiba mressqa fis-16 ta' Ottubru, 2020 (ara paġni 259 sa 260 tal-atti tal-kawża). Imbagħad fid-19 ta' Ottubru, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat dan id-digriet (ara paġna 261 tal-atti tal-kawża):

*«Rat ir-rikors tal-attriċi Carmen Grixti tad-9 ta' Settembru, 2020 u r-risposta;*

*Tiċħad it-talba għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.»*

70. Fl-aħħar nett, id-Digriet Numru 15 huwa dwar rikors tal-attriċi tat-

28 ta' Frar, 2023 (ara paġna 320 tal-atti tal-kawża) fejn hija talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tawtorizza x-xhieda ta' rappreżentanti tal-GO plc sabiex jixhdu u jippreżentaw dokumenti dwar numru ta' telefown ta' terzi, li skont l-attriċi kienu meħtieġa sabiex jinkixef x'ġara fil-jiem qabel mal-konvenut Ivan Grixti telaq mid-dar. Ivan Grixti oġġezzjona għal dan ir-rikors bi tweġiba mressqa fit-2 ta' Mejju, 2023 (ara paġni 322 sa 323 tal-atti tal-kawża). L-għada fit-3 ta' Mejju, 2023, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat dan id-digriet (ara paġna 324 tal-atti tal-kawża):

*«Rat ir-rikors ta' Carmen Grixti tat-28 ta' Frar, 2023 u r-risposta;*

*Tiċħad it-talba għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta.»*

71. Issa l-Ewwel Qorti qalet f'paragrafu 56 tas-sentenza appellata li għalkemm dawn it-tliet digrieti kellhom jiġu motivati, madankollu dawn ma kinux jiddeterminaw drittijiet jew obbligi ċivili tal-partijiet fil-kawża. Minbarra dan, hija qalet ukoll li dawn id-digrieti huma rivedibbli mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk l-Ewwel Qorti sabet li dawn it-tliet digrieti ma jintlaqtux mid-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

72. L-attriċi fl-ewwel aggravju tirrileva li hija ma taqbilx ma' din il-fehma tal-Ewwel Qorti għaliex fl-ewwel lok, ladarba dawn id-digrieti kienu rivedibbli fil-Qorti tal-Appell allura dawn kellhom ikunu motivati sabiex b'hekk il-Qorti tal-Appell tkun f'qagħda li tista' tistħarriġhom; u fit-tieni lok, tisħaq li mhux veru li dawn id-digrieti ma kellhomx x'jaqsmu ma' jeddijiet

jew obbligi ċivili għaliex dawn kienu jolqtu l-konsistenza tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti.

73. Din il-Qorti tqis li kif tajjeb ġie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Mustefa Mustefa Al Muhamad v. Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et*** mogħtija fl-24 ta' Frar, 2012, kemm l-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni**, kif ukoll l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jolqtu proċeduri: «*għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili*» jew għad-«*deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi*» rispettivament.

74. Ifisser dan, illi biex dawn id-dispożizzjonijiet jibdew jgħoddu għall-każ irid ikun hemm l-ewwel nett dritt jew obbligu li huwa mħares u protett bil-liġi, kif dan il-kunċett huwa mifhum fil-qafas tal-liġi domestika li fiha jrid jitħares; u t-tieni nett li dak id-dritt jew obbligu jkun ta' sura ċivili.

75. Tali determinazzjoni hija essenzjali għaliex protezzjoni għal smigħ xieraq mill-**Kostituzzjoni** u mill-**Konvenzjoni Ewropea** hija mogħtija biss jekk «*in issue*» jkun hemm «*a determination of civil rights and obligations*» (ara ***Joseph Bellizzi et v. Awtorità Marittima ta' Malta et***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar, 2009). Kemm hu hekk, il-**Kostituzzjoni** u anke l-**Konvenzjoni Ewropea** ma jiggarantixxux id-dritt għal smigħ xieraq għal kull dritt u obbligazzjoni (ara ***Kreuz v. Il-Polonja***

tad-19 ta' Ġunju, 2001 u ***Airey v. L-Irlanda*** tad-9 ta' Ottubru 1979) li individwu jista' jargumenta illi għandu.

76. Każistika qawwija turi illi hemm ċertu tilwim li ma jmissux ma' «*determination of civil rights and obligations*» u b'hekk, kif ġie deċiż f'dawn il-kawżi, wieħed jirrealizza li mhux kull «*civil right and obligation*» jaqa' taħt l-iskop ta' dawn l-artikoli.

77. B'dawn id-drittijiet huwa mifhum li qiegħda issir riferenza għad-dritt privat u mhux għad-dritt pubbliku, b'mod li l-**Konvenzjoni** ma kinitx meqjusa li tħares lill-individwu fil-jedd ta' smigħ xieraq dwar kull jedd jew obbligu li huwa jista' jqanqal taħt il-liġi ta' pajjiżu (ara pereżempju, ***Konig v. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*** tat-28 ta' Ġunju, 1978). Fil-każ tal-lum, il-kwistjonijiet li dwarhom il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kellha tiddeċiedi d-Digrieti numru 9, 10 u 15 kellhom x'jaqsmu mal-kawża ta' firda personali li hemm għaddejja bejn il-miżżewġin Grixti.

78. Sa fejn jolqot id-Digrieti numru 9 u 10, l-attriċi kienet qiegħda tallega li l-konvenut kellu xi kontijiet bankarji li dwarhom ma kienx hemm tagħrif fl-atti tal-kawża. Naturalment din il-Qorti ma tistax tidħol fil-kwistjoni dwar jekk l-attriċi għandhiex raġun jew le f'tali allegazzjoni għaliex din hi kwistjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-Qorti tal-Appell. F'dan is-sens għalhekk mhijiex sejra tqis l-argumenti

msemmija minn Ivan Grixti fir-risposta tal-appell tiegħu fejn isostni li hu mhuwiex qed jaħbi l-flus.

79. Min-naħa l-oħra però, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tistax teskludi minn qabel, li din l-allegazzjoni tal-attriċi tista' tkun rilevanti għall-għanijiet biex jiġi determinat u likwidat il-ġid li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin Grixti. Kemm hu hekk, jekk jirriżulta li Ivan Grixti tassew għandu kontijiet bankarji jew flus fil-bank li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, allura bil-liġi ċivili l-attriċi jista' jkollha jedd għal parti minnhom.

80. Mhumiex siewja għalhekk la l-Ewwel Qorti u lanqas l-Avukat tal-Istat meta jgħidu li l-mertu tad-Digrieti numru 9 u 10 ma kinux jolqtu drittijiet ċivili. Il-likwidazzjoni u l-qsim sħiħ tal-ġid kollu li jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti jolqtu drittijiet u obbligi ċivili tal-partijiet miżżewġa li joħorġu mill-**Kodiċi Ċivili**. Għalhekk il-mertu ta' dawn iż-żewġ digrieti jintlaqat bid-dispożizzjonijiet tal-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares bl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

81. B'xorti ħażina dawn iż-żewġ digrieti ma ġewx motivati kif kellhom ikunu mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaliex kif rajna aktar kmieni mhijiex motivazzjoni tajba li tiċħad talbiet billi qorti sempliċement tgħid «*għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.*»

82. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda taqbel mal-aggravju tal-attriċi li hija ġarrbet ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għaliex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma tħabbirkitx biex timmotiva d-Digrieti bin-numru 9 u 10.

83. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mad-Digriet numru 15, din il-Qorti tagħraf li r-rikors tal-attriċi tat-28 ta' Frar, 2023 ma tantx fih wisq raġunijiet għaliex hija kienet qiegħda titlob li jitħalla jitħarrek rappreżentant tal-GO plc, ħlief li qalet li dan kien meħtieġ biex jiġu ppruvati ċertu ċirkostanzi li ġraw qabel ma Ivan Grixti telaq mid-dar. Iżda anke hawn, mhuwiex xogħol din il-Qorti Kostituzzjonali li tgħid jekk l-attriċi għandhiex raġun titħalla jressaq dan ix-xhud jew le għaliex din hija kwistjoni li tmiss lill-qrati oħra differenti minn din. Li tista' tgħid din il-Qorti Kostituzzjonali f'dan l-istadju huwa biss li kwistjoni bħal din jaf għandha mnejn tkun rilevanti għall-għanijiet tar-responsabbiltà tat-tifrik taż-żwieġ u għall-konsegwenzi jew sanzjonijiet li l-liġi tista' tixħet għal min mir-raġel jew mill-mara jagħti lok għall-firda taż-żwieġ. Għaldaqstant anke d-Digriet numru 15 jista' jolqot drittijiet u obbligi ċivili tal-partijiet miżżewġa u għalhekk bħad-digrieti l-oħra, dan kellu jiġi wkoll motivat u mhux miċħud b'referenza biss għar-risposta tal-konvenut. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' dan id-digriet min-naħa tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iġib ukoll għalhekk ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq tal-attriċi kif imħares bl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

84. L-ewwel aggravju tal-attriċi allura qed jinsab li huwa ġustifikat u minħabba f'hekk din il-Qorti sejra tiddikjara li anke d-Digrieti numru 9, 10 u 15 ingħataw bi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq u għaldaqstant dawn għandhom jiġu mħassra u jerġgħu jingħataw mill-ġdid mill-Imħallef li qed ipoġġi fil-kawża tal-firda personali, din id-darba iżda bl-obbligu tal-motivazzjoni kif trid il-liġi.

85. Ukoll, bħalma għamlet fil-kuntest tad-Digriet numru 1, din il-Qorti sejra tordna lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex ma xxekkilx lill-partijiet li jappellaw mid-digrieti li sejra tagħti, jekk kemm-il darba xi ħadd minnhom jitlobha l-awtorizzazzjoni għall-appell skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

86. Nimxu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>** tal-attriċi. Fil-qosor hija targumenta li ladarba l-Ewwel Qorti ddikjarat fit-tielet kap tas-sentenza appellata illi d-Digrieti 2, 4, 5, 7, 11, 13 u 16 huma nulli u bla effett, mela allura fir-raba' kap tal-istess sentenza hija kellha tordna wkoll li anke dawn is-seba' digrieti kellhom jiġu deċiżi minn Imħallef differenti hekk bħalma ordnat li għandu jsir fil-każ tad-Digriet 1.

87. L-Avukat tal-Istat u Ivan Grixti jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li d-digrieti kollha li ġew annullati mill-Ewwel Qorti jolqtu l-istess suġġett. Għalhekk skonthom ikun biżżejjed jekk jerġa' jiġi deċiż id-Digriet 1 biss.

88. Din il-Qorti iżda ma tistax taqbel magħhom u anzi tmil favur il-pożizzjoni tal-attriċi sa fejn din qed tgħid li r-rikorsi kollha għandhom jerġgħu jiġu deċiżi mill-ġdid, ladarba d-digrieti ġew dikjarati nulli.

89. Anke jekk stess, jista' jkun minnu li d-digrieti kollha li ġew imħassra mill-Ewwel Qorti kienu b'xi mod jew ieħor imissu mal-istess suġġetti li huma l-mertu tad-Digriet numru 1, xorta waħda jibqa' l-fatt li bit-tħassir tad-Digrieti 2, 4, 5, 7, 11, 13 u 16, ir-rikorsi tal-attriċi li dwarhom ingħataw dawk id-digrieti li ma jiswewx sejrin jibqgħu pendenti.

90. Il-konsegwenza loġika tat-tħassir ta' dawn id-digrieti hija li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sejjer ikun jeħtiġilha terġa' tiddeċiedi r-rikorsi kollha tal-attriċi li ħa jiġu pendenti bħala riżultat ta' din is-sentenza mogħtija llum. Ovvjament dan ma jfissirx li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) għandha terġa' tagħti digriet individwali għal kull wieħed minn dawn ir-rikorsi li hemm pendenti. Huwa biżżejjed bħala soluzzjoni li hija tiġbor ir-rikorsi pendenti kollha f'daqqa u tagħti digriet wieħed motivat li jindirizza u jiddeċiedi t-talbiet kollha mressqa f'dawk ir-rikorsi.

91. Dan l-aggravju tal-attriċi għalhekk qiegħed jiġi milqugħ ukoll sa fejn hija trid li r-rikorsi kollha li nqatgħu bid-Digrieti 2, 4, 5, 7, 11, 13 u 16 għandhom jerġgħu jiġu deċiżi mill-ġdid. Din il-Qorti iżda mhux qed tilqa'

dan l-aggravju sa fejn l-attriċi trid li dawn ir-rikorsi għandhom jiġu deċiżi minn Imħallef ieħor li mhuwiex qiegħed ipoġġi fil-kawża tal-firda personali li hemm għaddejja bejn il-partijiet, u dan għall-istess raġunijiet ġa msemmija meta kien qiegħed jiġi mistħarreġ it-tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-konvenut Ivan Grixti fejn kellu x'jaqsam ma' Digriet 1.

92. B'hekk biex l-affarijiet ikunu ċari għal kulħadd, ir-rikorsi kollha li ġew deċiżi bid-Digrieti 1, 2, 4, 5, 7, 9, 10, 11, 13, 15 u 16 illi ġew dikjarati nulli ma' tmiem ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali għandhom kollha jerġgħu jiġu deċiżi mill-Imħallef li qiegħed ipoġġi fil-kawża tal-firda personali li hemm bejn il-miżżewġin Grixti. Huwa f'idejn dik il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li tiddeċiedi dawn ir-rikorsi kollha f'digriet wieħed jew inkella f'digrieti separati. Fl-aħħar nett, din il-Qorti ttenni l-ordni tagħha fuq il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li ma żżommx il-permess tagħha lil kull min jitlobha biex jappella skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mid-digriet jew digrieti li sejra tagħti b'rabta ma' dawn ir-rikorsi.

93. Niġu issa għat-**<u>tielet aggravju</u>** tal-attriċi li għandu x'jaqsam ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet li l-attriċi ma tistax tinvoka favuriha d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.

94. L-attriċi tfisser li hija mhix tilmenta mill-fatt li l-liġi tippermetti li debitur titteħidlu proprjetà biex jitħallsu d-djun tiegħu jew mill-fatt innifsu tal-bejgħ ta' darha bl-irkant ġudizzjarju. Mod ieħor, hija tgħid li qiegħda tilmenta mill-imġiba tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li b'deċiżjonijiet li ma jiswewx, hija spiċċat imċaħħda minn rimedji li setgħu u x'aktarx kienu jwasslu biex tiġi evitata li darha tinbiegħ bl-irkant ġudizzjarju. Ir-rimedju li qiegħda titlob għalhekk mhuwiex illi l-bejgħ jinżamm milli jsir iżda li titqiegħed fl-istat li kienet tkun fih li kieku l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma kissritx il-jedd ta' smigħ xieraq tagħha.

95. Għad li din il-Qorti qiegħda tifhem dak li qiegħda tipprova tgħid l-attriċi f'dan l-aggravju, madankollu xorta waħda jibqa' l-fatt li l-attriċi ma ressqet l-ebda argument għaliex l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li d-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ma jgħoddux għall-każ tagħha. Fin-nuqqas ta' argument li jikkontradixxi dak li qalet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti qajla tista' tara kif tista' tilqa' dan l-aggravju tagħha.

96. Minbarra dan, jirriżulta li l-proċedura ġudizzjarja sabiex id-dar tal-attriċi tinbiegħ b'irkant ġudizzjarju nbdiet minn terzi persuni li mhumiex parti minn dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Għalhekk din il-Qorti ma tarax kif legalment hija tista' f'din il-kawża tagħti xi ordnijiet li jolqtu terzi persuni

li mhumiex parti f'dawn il-kawżi kostituzzjonali. Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk li skont l-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza.

97. F'kull każ imbagħad, għalkemm din il-Qorti taqbel mal-attriċi li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) aġġixxiet ħażin meta ċaħdet ir-rikorsi kollha tagħha bla kliem u bla sliem, tant li din il-Qorti sabet li minħabba kif imxiet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, b'danakollu din il-Qorti ma taqbilx magħha li minħabba dawk id-digirieti l-attriċi ġiet li tilfet it-tgawdija tal-proprjetà tagħha. F'dawk id-digrieti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qatt ma tat xi ordni sabiex l-attriċi titlaq mid-dar tagħha jew inkella approvat b'xi mod li dik id-dar għandha tinbiegħ b'irkant ġudizzjarju.

98. Issa jekk l-attriċi qiegħda tixli lill-konvenut Ivan Grixti li kien tort tiegħu li terza persuna spiċċat biex nediet proċeduri għall-bejgħ ta' darha bl-irkant ġudizzjarju bi ħsara għaliha, hija dejjem tista' tqajjem dan l-argument fil-proċeduri tal-firda personali li hemm għaddejja bejniethom, sabiex dan il-punt jiġi meqjus fis-sentenza finali mhux biss fil-kuntest tal-obbligu tal-manteniment tal-miżżewġin li jinkudi fih anke l-post ta' abitazzjoni, iżda anke fil-kuntest tal-likwidazzjoni u tal-qsim tal-attiv u tal-

passiv tal-komunjoni tal-akkwisti. Ma ninsewx li d-digrieti interlokutorji li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u li ġew imħassra f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali ma kinux finali, b'dana għalhekk li l-kwistjoni kollha ta' min bejn il-miżżewġin Grixti għandu jerfa' d-dejn li hemm ma' terzi persuni, hija kwistjoni li għadha miftuħa bejniethom u li trid tiġi deċiża b'sentenza.

99. Tħares minn fejn tħares għalhekk dan it-tielet aggravju qiegħed jiġi mwarrab.

100. Fir-**raba' aggravju** tagħha, l-attriċi tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti kellha ssib li hija ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsa taħt l-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

101. Anke fil-kuntest ta' dan l-aggravju, l-attriċi tgħid li hi mhijiex qiegħda tilmenta mill-fatt li l-liġi tippermetti invażjoni ta' proprjetà biex jitħallsu d-djun. Li qiegħda tilmenta minnu huwa biss li minħabba n-nuqqas tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illi timmotiva d-digrieti tagħha hija ġiet imxekkla mill-użu ta' rimedji li setgħu u li x'aktarx setgħu jwasslu biex tiġi evitata li darha tinbiegħ bl-irkant.

102. Din il-Qorti ma tabqilx ma' dan l-aggravju.

103. Ibda biex, ma jinftiehem xejn kif l-attriċi qiegħda tallega li hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha taħt l-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, meta fl-atti ta' din il-kawża ma jirriżultax li tressqet xi ħjiel ta' prova li turi li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat xi ordni li biha assoġġettat lill-attriċi għat-tfittix fuq persuntha jew fuq ġidha jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tagħha. Għalhekk kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata dan l-artikolu m'għandu l-ebda rilevanza għall-każ tal-lum.

104. Dwar l-ilment tagħha taħt l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, huwa veru li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) setgħet tagħti digriet interlokutorju biex tordna lill-konvenut iħallas id-dejn li hemm ma' terzi persuni sakemm tinqata' l-kawża. Imbilli iżda dik il-Qorti sal-lum baqgħet ma tatx dak id-digriet, anzi ċaħdet dawk it-talbiet tagħha sabiex il-konvenut iħallas dan id-dejn waqt il-mixi tal-kawża b'digrieti li ma jiswewx, dan ma jfissirx b'daqshekk biss li allura dik il-Qorti qiegħda tindaħlilha fil-ħajja privata tagħha.

105. Wara kollox, l-attriċi tinsab mhedda li tista' titlef darha mhux minħabba d-digrieti ħżiena li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iżda minħabba li hi u l-konvenut ma ħallsux id-dejn li għandhom ma' terzi persuni, liema dejn ġie kanonizzat b'sentenza mhux appellata tal-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc v. Dr. Ivan u Carmen miżżewġin Grixti*** deċiża fis-16 ta' Mejju, 2023.

106. Jekk imbagħad huwa kollu minnu li l-konvenut għandu l-mezzi finanzjarji biex iħallas dak id-dejn u minħabba li huwa ma jridx iħallas dak id-dejn, l-attriċi ġarrbet jew sejra ġġarrab xi danni, allura din hija kwistjoni li kif ingħad qabel tista' tiġi indirizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) meta tgħaddi għas-sentenza finali u tista' wkoll tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Appell jekk kemm-il darba jsir appell quddiemha.

107. Fl-aħħar u mhux b'inqas, din il-Qorti b'dina s-sentenza sejra tordna lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex terġa' tiddeċiedi r-rikorsi tal-attriċi. U la l-attriċi għadha qed tinsisti fuqhom biex dawn jerġgħu jiġu deċiżi, allura sinjal li hija temmen li għadha biċ-ċans li tevita milli tispiċċa milli titlaq mid-dar matrimonjali.

108. Anke dan ir-raba' aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

109. Jifdal biss il-**<u>ħames aggravju</u>**, fejn l-attriċi qiegħda ssostni li hija ħaqqha tingħata kumpens mhux pekunjarju. Tispjega li l-fatt li rikors wara ieħor ġie miċħud bla ma taf ir-raġunijiet ħoloq fiha mhux biss sens ta' sfiduċja fil-proċess ġudizzjarju iżda qanqal fiha suspetti li t-talbiet tagħha ma kinux qegħdin jiġu meqjusa b'serjetà mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-

Familja). Dan ġab fuqha ansjetà, inkwiet u biża' li hi mhijiex sejra ssib ġustizzja quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

110. Din il-Qorti tifhem li wieħed għandu jqis l-għoti ta' danni morali meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib kostituzzjonali jew konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġiegħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali.

111. Fil-każ tal-lum, wieħed ma tantx irid jagħmel wisq sforz biex japprezza l-frustrazzjoni kbira li setgħet ħasset l-attriċi kull meta tirċievi l-aħbar li r-rikors tagħha kien qiegħed jiġi mwarrab b'linja waħda ġenerika li tgħid biss li r-rikors kien qiegħed jiġi miċħud għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta. Din il-Qorti tabilħaqq ma tistax tlum lill-attriċi jekk daħħlulha f'rasha ċertu flieles ta' ħsibijiet ħżiena li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma kinitx qiegħda tagħti importanza lir-rikorsi tagħha, bħalma lanqas ma tista' titkaża biha jekk tilfet xi ftit il-fiduċja illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet sejra tagħmel ġustizzja magħha.

112. Hawnhekk ma kellniex każ ta' rikors wieħed biss li ġie miċħud bla motivazzjonijiet iżda sensiela twila ta' rikorsi li kollha kemm huma ġew miċħuda bl-istess ritornell «*għal uħud mir-raġunijiet fl-imsemmija risposta*», ħlief għal wieħed li ġie miċħud din id-darba mhux għal uħud mir-raġunijiet imma «*għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta.*» Il-ġustizzja

m'għandhiex tkun tal-ħabba gozz iżda għandha tiġi mwettqa b'reqqa u b'rispett lejn il-partijiet.

113. Biex kollox ikun ċar, din il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li l-attriċi kellha raġun fir-rikorsi li hija ressqet quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Is-siwi jew le tal-kontenut ta' dawk ir-rikorsi hija ħaġa li tmur lil hemm mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Li qed tgħid hawnhekk din il-Qorti huwa biss li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet fid-dmir li tgħarbel dawk ir-rikorsi u tipprovdi l-konklużjonijiet tagħha b'mod motivat u mhux tfarfar ħafif billi tirreferi biss għar-risposta.

114. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk din il-Qorti taqbel li l-attriċi tassew ħaqqha li tirċievi kumpens mhux pekunjarju minħabba l-mod xejn serju ta' kif ġiet trattata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Kontra dak li qalu l-Ewwel Qorti u l-Avukat tal-Istat, id-dikjarazzjoni waħidha ta' sejbien ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq u r-rimedju tad-deċiżjoni mill-ġdid tar-rikors mhumiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-ansjetà, id-dwejjaq u l-frustrazzjoni li ġarrbet l-attriċi minħabba l-mod ta' kif imxiet magħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). B'hekk sejrin jingħataw danni mhux pekunjarji lill-attriċi.

115. L-attriċi ma ssemmix ammonti speċifiċi ta' kemm qiegħda tippretendi li għandha tingħata bħala kumpens mhux pekunjarju. Jidher

għalhekk li hija qiegħda tħalli f'idejn din il-Qorti.

116. Meta tqis in-numru kbir ta' digrieti li ngħataw ħażin mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-firxa twila ta' żmien li fihom ingħataw dawn id-digrieti, id-dewmien u l-intoppi li ħolqu dawn id-digrieti u s-sensittività tas-suġġett li kellu jiġi deċiż f'dawn id-digrieti, din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-attriċi jistħoqqilha tingħata kumpens mhux pekunjarju fl-ammont ta' €3,000. Dan l-ammont għandu jiġi mħallas mill-Avukat tal-Istat bħala l-persuna li tirrappreżenta lill-Istat.

117. Il-Qorti ttemm din is-sentenza billi tiddeċiedi li l-ispejjeż tal-appell ewlieni u tal-appell inċidentali għandhom jiġu mqassma fuq il-bażi tar-rebħ u tat-telf.

118. Billi ntlaqgħu tliet aggravji minn ħamsa mill-appell ewlieni tal-attriċi, l-ispejjeż tal-partijiet kollha li huma marbuta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu fis-sehem ta' tnejn minn ħamsa (2/5) mill-attriċi u fis-sehem ta' tlieta minn ħamsa (3/5) mill-Avukat tal-Istat. Min-naħa l-oħra, billi ntlaqa' aggravju wieħed minn tlieta mill-appell inċidentali ta' Ivan Grixti, l-ispejjeż tal-partijiet kollha li huma marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu fis-sehem ta' tnejn minn tlieta (2/3) minn Ivan Grixti u fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (1/3) mill-Avukat tal-Istat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-appell ewlieni ta’ Carmen Grixti u mill-appell inċidentali ta’ Ivan Grixti billi:

i. **Tikkonferma** s-sentenza appellata fejn ħelset lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal mill-ħarsien tal-ġudizzju; fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-illeġittimità passiva ta’ Ivan Grixti milli joqgħod f’din il-kawża; fejn ċaħdet it-talbiet ta’ Carmen Grixti sa fejn dawn kienu msejsa fuq ksur tal-**Artikoli 37** u **38 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**, tal-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**; fejn laqgħet it-talbiet ta’ Carmen Grixti li hija ġarrbet ksur tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-mod ta’ kif ingħataw id-Digriet 1 (tat-30 ta’ Mejju, 2018), id-Digriet 2 (tat-30 ta’ Ġunju, 2018), id-Digriet 4 (tas-17 ta’ Jannar, 2019), id-Digriet 5 (tas-7 ta’ Ottubru, 2019), id-Digriet 7 (tas-6 ta’ Jannar, 2020), id-Digriet 11 (tal-4 ta’ Marzu, 2021), id-Digriet 13 (tad-19 ta’ Mejju, 2021) u d-Digriet 16 (tal-5 ta’ Marzu, 2024) u bħala rimedju ddikjarat li dawn id-digrieti huma nulli u bla effett; fejn ċaħdet it-talbiet ta’ Carmen Grixti li hija ġarrbet ksur tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-mod ta’ kif ingħataw id-Digriet 3 (tal-31 ta’

Awwissu, 2018), id-Digriet 6 (tal-5 ta' Novembru, 2019), id-Digriet 8 (tal-4 ta' Frar, 2020), id-Digriet 12 (tat-12 ta' Mejju, 2021) u d-Digriet 14 (tat-22 ta' Novembru, 2022); fejn ċaħdet it-talba ta' Carmen Grixti biex titħallas kumpens pekunjarju; u fejn ordnat li l-ispejjeż tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandhom jitħallsu minn Carmen Grixti, filwaqt li l-ispejjeż ta' Carmen u Ivan Grixti għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat; u

ii. **Tħassar** s-sentenza appellata fil-bqija u minflok:

a. Tiddikjara li Carmen Grixti ġarrbet ukoll ksur tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba l-mod ta' kif ingħataw id-Digriet 9 (tal-15 ta' Ġunju, 2020), id-Digriet 10 (tad-19 ta' Ottubru, 2020) u d-Digriet 15 (tat-3 ta' Mejju, 2023) u bħala rimedju tiddikjara li anke dawn id-digrieti huma nulli u bla effett;

b. Tordna li r-rikorsi kollha li ġew deċiżi bid-Digrieti 1, 2, 4, 5, 7, 9, 10, 11, 13, 15 u 16 illi ġew dikjarati bħala nulli u bla effett għandhom kollha jerġgħu jiġu deċiżi mill-Imħallef li qiegħed ipoġġi fil-kawża tal-firda personali fl-ismijiet ***Carmen Grixti v. Ivan Grixti (Rik. 125/2018AL)***. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hija ħielsa li tiddeċiedi dawn ir-rikorsi kollha f'digriet wieħed jew aktar;

c. Tordna li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex ma żżommx il-permess tagħha lil kull min jitlobha biex jappella skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mid-digriet jew digrieti li hi sejra tagħti b'rabta ma' dawn ir-rikorsi; u

d. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lil Carmen Grixti s-somma likwidata ta' €3000 bħala kumpens mhux pekunjarju biex jagħmel tajjeb għall-ksur tal-jedd ta' smigħ illi ġarrbet.

Fl-aħħar nett **tordna** li l-ispejjeż tal-partijiet kollha li huma marbuta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu fis-sehem ta' tnejn minn ħamsa (2/5) minn Carmen Grixti u fis-sehem ta' tlieta minn ħamsa (3/5) mill-Avukat tal-Istat, filwaqt li l-ispejjeż tal-partijiet kollha li huma marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu fis-sehem ta' tnejn minn tlieta (2/3) minn Ivan Grixti u fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (1/3) mill-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da